Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SUPRETENDENT JOSRIC MIFSUD, SPETTUR HUBERT CINI, SPETTUR SILVIO MAGRO) V. PAUL BAILEY, ANTHONY ALFRED DARMANIN, TONIO (ANTHONY) CINI, JONATHAN BRUNO, JONATHAN TONNA, KEVIN PERRY, MELVIN HABER, IAN KEITH CILIA PISANI, CHRISTOPHER (CHRISTOPHER JOSEPH) SULTANA, AGOSTINO DE GIORGIO, BRIAN GATT, ANGELO MARIA MANARA, DAVID BUGEJA

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**22 ta' Settembru 2020**

IL-QORTI,

wara li rat li fis-seduta tal-25 ta' Frar 2019 il-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* iddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa u li l-avukati tad-difiża bdew bil-provi tagħhom billi tressaq xhud wiehed,

wara li rat li appena xehed l-istess xhud saru numru ta' eċċezzjonijiet minn Dr. Stephen Tonna Lowell (għall-imputat Paul Bailey), Dr. Joseph Giglio (għall-imputat Tonio Darmanin), Dr. Stefano Filletti (għall-imputati Brian Gatt u Julian Manara), Dr. Michael Sciriha (għall-imputati Tonio Cini, Jonathan Bruno u Jonathan Tonna), Dr. Arthur Azzopardi (għall-imputati Kevin Perry, Melvin Haber, Ian Keith Cilia Pisani u Christopher Sultana), liema eċċezzjonijiet saru permezz ta' sottomissjonijiet bil-fomm,

wara li rat in-nota li ppreżenta Dr. Raphael Fenech Adami (għall-imputat Agostino Degiorgio) fis-26 ta' Frar 2019 li permezz tagħha aderixxa ruħu mal-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari mressqa mill-avukati fuq msemmija,

wara li rat in-nota li ppreżenta Dr. Luciano Busuttil (għall-imputat David Bugeja) fis-26 ta' Frar 2019 li permezz tagħha aderixxa ruħu mal-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari mressqa minn Dr. Stefano Filletti fis-seduta tal-25 ta' Frar 2019,

wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-parte civile Marthese Grech de proprio, Marthese Grech u Dr. Michael Grech għan-nom ta' bintom minuri Giulia Grech, Antonio Vella, Nichola Sammut, Sergio Polidano u Charlot Farrugia, fil-15 ta' April 2019 b'risposta għall-eċċezzjonijiet fuq imsemmija imressqa mill-imputati,

wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-Kummissarju tal-Pulizija fis-6 ta' Ġunju 2019 b'risposta għall-eċċezzjonijiet fuq imsemmija imressqa mill-imputati,

wara li rat id-digriet ta' din il-Qorti diversement presjeduta tas-7 ta' Awwissu 2019 li permezz tiegħu l-Qorti talbet lill-imputati sabiex iressqu kwalunkwe eċċezzjonijiet bil-miktub entro għaxart ijiem,

wara li rat l-atti risponsivi ta' Dr. Joseph Giglio (għall-imputat Tonio Darmanin) ippreżentata fid-9 t'Awwissu 2019, ta' Dr. Stephen Tonna Lowell (għall-imputat Paul Bailey) ippreżentata fit-13 ta' Awwissu 2019, Stefano Filletti (għall-imputati Brian Gatt u Julian Manara) ippreżentata fis-27 ta' Awwissu 2019 u tal-Kummissarju tal-Pulizija li ppreżenta diversi noti risponsivi, tnejn minnhom fit-28 ta' Awwissu 2019 u oħra fil-5 ta' Settembru 2019,

wara li rat id-digriet ta' din il-Qorti diversement presjeduta tas-6 ta' Settembru 2019 li permezz tieghu *inter alia* l-Qorti filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba għas-separazzjoni tal-ġudizzju u ċaħdet "ir-raba' talba fin-nota tal-imputati Brian Gatt u Julian Manara", rriservat li tipprovdi dwar il-maġġoranza tat-talbiet l-oħra 'wara li tkun qieset il-provi kollha tal-prosekuzzjoni u d-difiża u wara s-sottomissjonijiet finali',

wara li rat ir-rikors konġunt tal-imputati kollha ppreżentat fis-7 ta' Ottubru 2019 li permezz tieghu l-Qorti intalbet 'tirreferi l-kwistjoni, kemm tal-ammissibilita' tal-istqarrijiet tagħhom u kif ukoll tal-impossibilita' tagħhom li jippreparaw adegwatament id-difiża tagħhom, lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)' ai termini tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Art. 4(3) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta,

wara li rat ir-risposta ppreżentata mill-*parte civile* Marthese Grech de proprio, Marthese Grech u Dr. Michael Grech għan-nom ta' bintom minuri Giulia Grech, Antonio Vella, Nichola Sammut, Sergio Polidano u Charlot Farrugia, fid-9 ta' Ottubru 2019,

wara li rat ir-risposta ppreżentata mill-Kummissarju tal-Pulizija fid-9 ta' Ottubru 2019,

wara li rat id-digriet ta' din il-Qorti diversement presjeduta tat-28 ta' Ottubru 2019 li permezz tieghu l-Qorti laqgħet it-talba magħmula fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2019

sabiex il-Maġistrat Sedenti tirrikuża ruħha u tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni tal-kawża,

wara li rat  li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-31 ta' Ottubru 2019,

wara li rat illi kien hemm lok sabiex din il-Qorti tvarja jew tirrevoka d-digriet tagħha tas-6 ta' Settembru 2019 b'mod illi għalhekk l-imputati jew wħud minnhom jista' jeħtiġilhom jirtiraw ir-rikors tagħhom tas-7 ta' Ottubru 2019 u/jew jippreżentaw ieħor ġdid,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula f'dan ir-rigward fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2020 għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mis-Supretendent Josric Mifsud u mill-Ispettur Silvio Magro,
- tal-*Parte Civile*, mill-Avukat Dr. Roberto Montaldo u mill-Avukat Dr. Michael Grech,
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Stephen Tonna Lowell, mill-Avukat Dr. Joseph Giglio, mill-Avukat Dr. Giannella de Marco, mill-Avukat Dr. Stefano Filletti, mill-Avukat Dr. Michael Sciriha, mill-Avukat Dr. Arthur Azzopardi, mill-Avukat Dr. Raphael Fenech Adami u mill-Avukat Dr. Luciano Busuttil,

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. L-imputati ressqu diversi eċċezzjonijiet fuq l-inammissibbiltà' ta' ċertu provi li jinsabu fil-proċess. Dawn l-eċċezzjonijiet jistgħu jiġu miġbura fil-qosor kif ġej:

    - A. L-eċċezzjoni tal-**inammissibbiltà' tax-xhieda mogħtija mill-imputati** fl-inkjesta maġisterjali quddiem il-Maġistrat Inkwirenti stante illi dawn kienu privi mill-assistenza ta' avukat. Din l-eċċezzjoni tqajjmet mill-imputati kollha. Marbuta ma' din l-eċċezzjoni tqajjmu ukoll:
        - A1. l-eċċezzjoni illi **d-dokumenti** li esebew l-imputati matul ix-xhieda tagħhom fl-*in genere* għandhom ukoll jiġu ddikjarati inammissibbli għall-istess raġuni fuq imsemmija. Strettament din l-eċċezzjoni tqajjmet mill-imputati kollha għajr għal Paul Bailey u Tonio Darmanin.
        - A2. l-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà' tar-relazzjoni tal-espert li ħatret il-Maġistrat Inkwirenti, **Quentin Tanti**, fil-konfront ta' Paul Bailey, kif ukoll tax-xhieda tiegħu mogħtija fil-kawża, in kwantu l-istess relazzjoni u xhieda huma msejsa fuq dikjarazzjonijiet meħuda mix-

xhieda inammissibbli ta' Paul Bailey. Din l-eċċezzjoni tressqet mill-imputati kollha għajr għal Tonio Darmanin.

- A3. l-eċċezzjoni tal-**inammissibbiltà' tar-rapporti peritali kollha** li ġew ippreżentati fl-inkjesta in kwantu dawn huma msejjsa fuq l-istqarrijiet jew dokumenti inammissibbli esebiti mill-imputati. Din l-eċċezzjoni tqajjmet mill-imputati kollha għajr għal Paul Bailey u Tonio Darmanin.

- B. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà' tax-xhieda mogħtija minn Paul Bailey quddiem il-Maġistrat Inkwirenti minħabba **l-istat ta' saħħa** tiegħu f'dak l-istadju. Din l-eċċezzjoni tressqet mill-imputati kollha għajr għal Tonio Darmanin.

- C. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà tax-xhieda mogħtija in kontro-eżami wara domandi magħmula minn avukat ta' imputat u dan **fir-rigward tal-imputati l-oħra**. Din l-eċċezzjoni tressqet mill-imputati kollha għajr għal Tonio Darmanin.

- D. L-eċċezzjoni dwar il-ħtieġa li l-**Prosekuzzjoni tiddikjara liema huma dawk il-provi li għandhom iwieġbu għalihom Manara u Gatt** u l-konsegwenti estromessjoni tal-provi kollha li ma' japplikawx lilhom. Din l-eċċezzjoni tqajjmet mill-imputati kollha għajr għal Paul Bailey u Tonio Darmanin.

- E. L-eċċezzjoni dwar il-ħtieġa li l-Qorti tidderieġi lill-Prosekuzzjoni sabiex titlob **is-separazzjoni tal-ġudizzju** sabiex il-proċeduri fil-konfront tal-imputat Bailey jitkomplew bil-lingwa Ingliża u b'mod separat mill-imputati l-oħra għaliex id-difiża tiegħu hija differenti mid-difiża tal-imputati l-oħra. Din l-eċċezzjoni tressqet mill-imputati kollha għajr għal Tonio Darmanin.

- F. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà tar-relazzjonijiet magħmula fl-inkjesta tal-esperti **Martin Bajada, Quentin Tanti, Joe Zammit u tal-espert mettalurgu** stante illi dawn huma msejjsa fuq informazzjoni meħuda minn persuni li kellhom kunflitt ta' interess. Din l-eċċezzjoni tressqet mill-imputati kollha għajr għal Tonio Darmanin.

- G. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà tar-relazzjoni tal-espert **Quentin Tanti** stante n-nuqqas ta' kompetenza tiegħu.

- H. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà tar-relazzjonijiet magħmula minn dawk l-esperti illi b'xi mod użaw laboratorju jew mezzi tal-ittestjar peress li dawn ma' kienux in konformita' mal-*istandard* **ISO/IEC 17025**. Din l-eċċezzjoni tressqet mill-imputati Melvyn Haber, Kevin Perry, Ian Cilia Pisani u Chris Sultana.

**It-tressiq ta' dawn l-eċċezzjonijiet f'dan l-istadju tal-proċeduri**

2. Il-Qorti tagħmel riferenza għall-artikolu 376(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta illi japplika għall-proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

   '376. (1) Il-maġistrat għandu jniżżel jew iġiegħel lir-reġistratur iniżżel-

   (a) kull eċċezzjoni ta' inkompetenza tal-qorti, jew ta' inammissibbiltà jew estinzjoni ta' azzjoni, jew ta' inammissibbiltà ta' prova kif ukoll kull digriet li bih tiġi miċħuda dik il-prova ...'

   Ma' jidhirx illi l-leġislatur b'xi mod illimita dawn l-eċċezzjonijiet għall-istadju preliminari tal-kawża u dan b'distinzjoni minn kif inhi regolata l-proċedura quddiem il-Qorti Kriminali fejn, għajr għal xi eċċezzjoni jew tnejn stipulati fil-liġi, l-akkużat jista' jqajjem eċċezzjonijiet ta' din in-natura biss billi jagħti avviż tagħhom fi żmien ħmistax-il jum tax-xogħol minn mindu jiġi notifikat bl-att tal-akkuża, ċioe qabel ma' tibda l-kawża nnifisha.

3. Il-Qorti però tissottolineja illi r-raġuni għalfejn ma' hemmx restrizzjonijiet temporali għall-għoti ta' dawn it-tip ta' eċċezzjonijiet fi proċeduri quddiem din il-Qorti hija għar-raġuni illi dawn it-tip ta' proċeduri huma ntiżi illi jkunu ta' natura sommarja tant illi l-Qorti għandha 'jekk jista' jkun tagħti s-sentenza' dakinhar stess li jingħalaq is-smigħ tal-kawża.' [1]

4. Din il-Qorti diversement presjeduta permezz tad-digriet tagħha tal-15 ta' Frar 2019 diġà ddikjarat illi *"minħabba li dan kien każ ta' ċertu komplessita', il-Qorti għażlet li tagħti importanza akbar lil din il-kawża billi mxiet b'mod iktar rigoruż minn dak mistenni minnha mill-Liġi li tirregola l-proċeduri sommarja. Tant hu hekk li a*

[1] Kap. 9 Art. 377(1)

*benfiċċju tal-partijiet kollha żammet numru kbir ta' seduti fejn il-Prosekuzzjoni u l-Parte Civile ingħataw l-opportunita' li jressqu l-provi u x-xhieda tagħhom, dejjem fil-presenza tal-imputati kollha, bil-possibilità' li kulħadd jagħmel il-mistoqsijiet li kienu ammissibbli u rilevanti – in eżami daqskemm in kontroeżami. Il-Qorti mhux biss imxiet mal-artikolu 376 tal-Kodiċi Kriminali talli għal darb'oħra marret oltre minn dak mistenni minnha fi proċeduri sommarja billi anke marret lil hinn minn dak dispost mill-Artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali. Anzi semgħet mhux biss ix-xhieda tax-xhieda li xehdu fil-kors tal-inkjesta maġisterjali, talli kull xhud kellu d-deposizzjoni tieghu reġistrata b'reġistrazzjoni awdjo – u oħrajn li kienu barra minn Malta b'reġistrazzjoni awdjo-viżiva...*"

5. Fi kliem ieħor għalkemm il-Qorti ma' ssib xejn x'tiċċensura legalment fil-fatt illi l-imputati ressqu dawn l-eċċezzjonijiet fl-istadju li ressquhom, madanakollu ma' tistax ma' tissottolinejax illi l-għemil tagħhom u ċioe il-fatt illi huma ressqu dawn l-eċċezzjonijiet **wara** illi l-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* kienu ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa minflok ma' ressquhom fil-bidu tal-kawża jew matul il-kors tal-provi tal-Prosekuzzjoni/*parte civile* (għajr għall-eċċezzjoni fir-rigward tal-kontro-eżamijiet), ma' jistax ħlief jitqies bħala żleali mhux biss lejn il-Qorti illi kif ingħad marret oltre dak mistenni minnha biex tkun żgur li l-jeddijiet tal-imputati ma' jiġux mittiefsa, mhux biss lejn il-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* illi issa qed jiffaċċjaw l-isparpaljar tal-provi mressqa minn numru konsiderevoli ta' xhieda bil-konsegwenzi li dan l-isparpaljar jista' jġib fuq il-każ imressaq minnhom, iżda ukoll fl-aħħar mill-aħħar żleali lejn l-imputati nfushom peress illi inevitabbilment tawwlu u għad jistgħu jtawwlu iżjed l-eżitu ta' dawn il-proċeduri fil-konfront tagħhom.

**Revoka *contrario imperio* ta' parti mid-digriet tas-6 ta' Settembru 2019**

6. Fl-istess nifs però l-Qorti ma' tistax ma' tirrimarkax ukoll illi jkun inutli u jkun kontra l-interess tal-ġustizzja u tal-ekonomija tal-ġudizzju illi l-Qorti ma' tiddeċidix fuq dawn l-eċċezzjonijiet f'dan l-istadju u għaldaqstant hija ser tgħaddi biex tirrevoka *contrario imperio* id-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Settembru 2019 għajr għal fejn il-Qorti kienet iddeċidiet li ma' tieħux konjizzjoni tat-talba dwar is-separazzjoni tal-ġudizzju u għal fejn ċaħdet l-eċċezzjoni dwar il-ħtieġa li l-Prosekuzzjoni tiddikjara liema huma dawk il-provi li għandhom iwieġbu għalihom l-imputati Manara u Gatt.

**A. L-eċċezzjoni dwar l-inammissibbiltà' tax-xhieda mogħtija mill-imputati quddiem il-Maġistrat Inkwirenti mingħajr l-assistenza ta' avukat.**

7. Fl-istadju tal-*in genere*, l-imputati kollha xehdu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Ftit mill-imputati li xehdu ġew mgħarrfa mill-Maġistrat bid-drittijiet tagħhom inkluż id-

dritt li jottjenu parir legali **qabel** ix-xhieda tagħhom. Iktar 'l quddiem f'dan id-digriet il-Qorti sejra tagħti elenku ta' dawk li ġew mgħarrfa bid-drittijiet tagħhom u dawk li ma' ġewx hekk mgħarrfa u l-implikazzjoni ta' dan fid-dawl tal-Artikolu 2.1 tad-Direttiva 2013/48/UE. Li hu żgur però huwa illi dawk li nqrawlhom id-drittijiet ma' ġewx mgħarrfa illi huma setgħu jkunu assistiti minn avukat **waqt** ix-xhieda tagħhom u dan proprju għaliex dak iż-żmien tali dritt ma' kienx għadu daħal fis-seħħ fil-liġi tagħna, liema dritt filfatt iddaħħal ċirka sena wara, sewwasew fit-28 ta' Novembru 2016, meta bis-saħħa tal-Avviż Legali 401 tal-2016 ġew fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Att numru LI tal-2016 magħruf bħala l-*'ATT biex jipprovdi għal assistenza legali waqt detenzjoni u drittijiet oħra għal persuni arrestati'.* Dan l-Att ittraspona fil-Liġi Maltija d-*'Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal- libertà*'.

*Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Qrati Maltin*

8. L-imputati jisħqu illi dan in-nuqqas huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tagħhom għal proċediment ġust u għad-difiża (inkluż id-dritt ta' assistenza legali) kif sanċiti fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem. Kif ingħad kemm il-darba minn din il-Qorti, din għandha u tista' teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tad-drittijiet fundamentali msemmija stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mill-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata lix-xhieda tal-imputati, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza rigwardanti tali drittijiet.

9. Il-ġurisprudenza lokali fuq id-dritt tal-assistenza minn avukat matul l-investigazzjonijiet kienet u għada xi ftit jew wisq konfliġġenti, sitwazzjoni li tirrifletti ukoll in-nuqqas ta' uniformità' fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

   a. Fis-sentenza fl-ismijiet **Salduz v. Turkey** [GC], no. 36391/02, ECHR 2008 ('Salduz') il-Kamra l-Kbira tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ('QEDB') dawwret sentenza preċedenti tal-Kamra fis-sens illi sabet illi l-Istat Tork kien kiser id-drittijiet fundamentali tal-proċess ġust u tad-difiża taħt l-Artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni ta' Yusuf Salduz meta *inter alia* ġie mċaħħad milli jkollu aċċess għal avukat filwaqt li kien qiegħed jiġi interrogat mill-iskwadra ta' kontra t-terroriżmu fid-Direttorat tas-Sigurtà' f'Izmir u

filwaqt li kien qiegħed jiġi mistoqsi xi mistoqsijiet minn Imħallef Investigattiv. Il-Qorti qalet hekk:

*"50. The Court reiterates that, even if the primary purpose of Article 6 of the Convention, as far as criminal proceedings are concerned, is to ensure a fair trial by a "tribunal" competent to determine "any criminal charge", it does not follow that the Article has no application to pre-trial proceedings. Thus, Article 6 – especially paragraph 3 thereof – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions (see Imbrioscia, cited above, § 36)*

*51. The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of a fair trial (see Poitrimol v. France, 23 November 1993, § 34, Series A no. 277-A, and Demebukov v. Bulgaria, no. 68020/01, § 50, 28 February 2008). Nevertheless, Article 6 § 3 (c) does not specify the manner of exercising this right. It thus leaves to the Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial systems, the Court's task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial. In this respect, it must be remembered that the Convention is designed to "guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are* ***practical and effective****" and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused (see Imbrioscia, cited above, § 38).*

*...*

*54. In this respect, the Court underlines the importance of the investigation stage for the preparation of the criminal proceedings, as the evidence obtained during this stage determines the framework in which the offence charged will be considered at the trial (see Can v. Austria, no. 9300/81, Commission's report of 12 July 1984, § 50, Series A no. 96).* ***At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings****, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure tends to become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the*

*assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself.*

*55. Against this background, the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" (see paragraph 51 above), Article 6 § 1 requires that,* ***as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right****. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see, mutatis mutandis, Magee, cited above, § 44).* ***The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction"***

b. Fis-sentenza **Simeonovi v. Bulgaria**, no. 21980/04, ECHR 2015-IV ('Simeonovi'), il-QEDR (ir-Raba' Sezzjoni sedenti fil-Kamra) sabet *inter alia* li l-Istat Bulgaru ma' kienx kiser id-dritt fundamentali tad-difiża ta' Lyuben Simeonov meta dan kien ġie imċaħħad mill-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu ftit wara li kien ġie arrestat mill-Pulizija. Matul dan l-interrogatorju huwa kien ammetta li kien wettaq *hold-up* armat fuq uffiċju tal-kambju iżda ċaħad li fil-proċess kien ikkommetta omiċidju fuq żewġ persuni. Il-QEDR qalet hekk:

*"112. The Court reiterates that the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, as guaranteed by Article 6 § 3 (c), is one of the fundamental features of a fair trial (see Salduz, cited above, § 51, and Dvorski v. Croatia [GC], no. 25703/11, § 76, ECHR 2015). Prompt access to a lawyer constitutes an important counterweight to the vulnerability of suspects in police custody, provides a fundamental safeguard against coercion and ill-treatment of suspects by the police, and contributes to the prevention of miscarriages of justice and the fulfilment of the aims of Article 6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused (see Salduz, cited above, §§ 53-54, and Ibrahim and Others, cited above, § 255).*

*113. Article 6 § 3 (c) does not therefore secure an autonomous right but must be read and interpreted in the light of the broader requirement of fairness of criminal proceedings, considered as a whole, as guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention. In particular, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case with regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings (see Ibrahim and Others, cited above, §§ 250 and 251). Article 6 § 3 (c) leaves to the Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial system, the Court's task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial"*

F'din is-sentenza l-QEDR sabet illi *"the overall fairness of the proceedings had not been infringed, for the following reasons: (i) there was no indication in the file that the applicant had been questioned during the first three days of his detention; (ii) all his interrogations had taken place after he had been formally charged on 6 October 1999, in the presence of a lawyer; (iii) no other investigative measure involving the applicant had been implemented during that initial period of detention; (iv) the applicant had confessed to the offences a few days later, when he had been assisted by a lawyer of his choosing and had known that that confession could be used in evidence against him in support of a possible conviction; (v) his conviction had been based not solely on that confession but on a whole body of consistent evidence; (vi) the applicant had amply benefited from his right to defend himself with a lawyer's assistance and the domestic courts had delivered reasoned judgments"*

Il-Kamra l-Kbira imbagħad ikkonfermat din is-sentenza fl-2017.

c. Fis-sentenza fl-ismijiet **Borg v. Malta,** no. 37537/13, ECHR 2016-IV ('Borg'), il-QEDR (ir-Raba' Sezzjoni sedenti fil-Kamra) sabet *inter alia* li l-Istat Malti kien kiser id-drittijiet fundamentali tal-proċess ġust u tad-difiża taħt l-Artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni ta' Mario Borg meta dan kien ta stqarrija b'fatti inkriminanti lill-Pulizija fis-17 ta' April 2003 liema stqarrija kienet intużat kontrih (flimkien ma' provi oħra) fil-ġuri:

*"58.* ***Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6*** *(ibid., § 56).*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case,* ***the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to***

***restrictions if there are compelling reasons*** *(see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."*

F'din is-sentenza l-QEDB għamlet riferenza għall-posizzjoni li kienet addottat il-Qorti Kostituzzjonali f'Malta fis-sens illi kull każ jrid jiġi evalwat fuq il-mertu tiegħu ("on a case-by-case basis") u huwa biss jekk jirriżulta illi l-persuna in kwistjoni kienet vulnerabbli jew jekk jirriżulta illi kien hemm provi oħra kontriha apparti l-ammissjoni tagħha fl-interrogatorju, illi l-Qorti ssib ksur taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Il-QEDB ma' qablitx u sostniet illi s-sentenzi tagħha wara *Salduz* ma' kienux f'dan is-sens u li l-vulnerabilità' tal-persuna m'għandiex ikollha effett fuq l-eżitu. Inoltre sostniet illi r-restrizzjoni ġenerali fil-liġi Maltija (li dak iż-żmien li seħħ il-każ ma' kienetx tippermetti l-aċċess għal avukat qabel jew waqt l-interrogatorju) kienet biżżejjed sabiex jinstab ksur tal-Art. 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni.

d. Sadanittant fil-qrati tagħna fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs. Avukat Ġenerali et.** (23/11/2017), il-Qorti segwiet dak li qalet sena qabel l-QEDB f'*Borg* u stqarret is-segwenti:

*"Il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi prodotti rriżulta l-kondizzjoni medika tar- rikorrent, li kienet tikkawżalu uġiegħ kbir, ansjeta u depressjoni, dana kollu jirrendi r-rikorrent persuna vulnerabbli, speċjalment ikkunsidrat illi l-ewwel interrogazzjoni segwit sitt siegħat dialysis. Barra minn hekk, skont it-testimonjanza mhux kontradetta tal-psikologu Nicholas Briffa, a fol 128 – 129, ir-rikorrent huwa persuna suxxettibbli, u reza vulnerabbli minħabba l-kondizzjoni medika u d- depressjoni li minnha kien ibagħti. Di piu' l-fatt illi r-rikorrent ma kellu l-ebda esperjenza ta' interrogatorju, tirrendih aktar vulnerabbli. Il-Qorti rat ukoll illi l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm xi raġunijiet impellenti - "compelling reasons" - sabiex ir-rikorrent ma jitħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjonijiet tieghu. Għalhekk, ikkunsidrat li dak iż-żmien kien hemm restrizzjoni sistematika għad-dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, l-effetti ta' liema kienu aggravati f'dan il-każ minħabba l-vulnerabilità tar- rikorrent, u ġaladarba l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm raġunijiet serji u mpellenti li jistgħu*

*jiġġustifikaw ir-restrizzjoni tad-dritt ta' assistenza legali sofferta mir-rikorrent, il-Qorti tikkonkludi illi l-ilment tar-rikorrent illi d-dritt tieghu għal smiegħ xieraq ġie leż, huwa fondat."*

e. Imbagħad il-QEDB tat sentenza li tista' tgħid qalbet kollox ta' taħt fuq (għalkemm mhux kulħadd huwa ta' din l-opinjoni) f' **Beuze v. Belgium** [GC], no. 71409/10, ECHR (2018) meta, xi ftit jew wisq b'mod indirett tat raġun lill-Qrati tagħna fis-sens illi kull każ jrid jiġi evalwat fuq il-merti tiegħu u li restrizzjoni sistematika fil-liġi rigward l-aċċess għal avukat waqt l-interrogatorju ma' jfissirx awtomatikament li jkun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali għal proċess ġust u għad-difiża iżda wieħed ikun jrid jevalwa "*the overall fairness of the criminal proceedings*". F'din is-sentenza, il-Kamra l-Kbira tal-QEDB sabet illi l-Istat Belġjan kien kiser id-drittijiet fundamentali ta' Philippe Beuze meta dan kien ġie interrogat mill-Pulizija Belġjana fil-31 ta' Dicembru 2017 u sussegwentement mill-Imħallef Investigattiv mingħajr il-presenza ta' avukat. Madanakollu l-Qorti qalet ukoll is-segwenti:

*"136. ... the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108).*

*...*

*141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in Ibrahim and Others the Court consolidated the principle established by the Salduz judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see Ibrahim and Others, cited above, §§ 257 and 258-62).*

***(α) Concept of compelling reasons***

*142. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in*

*particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case (see Salduz, cited above, §§ 54 in fine and 55, and Ibrahim and Others, cited above, § 258). A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons.*

*...*

***(β) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test***

*144. In Ibrahim and Others the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see Ibrahim and Others, cited above, § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer (see paragraph 97 above) to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the Ibrahim and Others judgment, followed by the Simeonovi judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that Salduz had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the Dayanan case and other judgments against Turkey (see paragraph 140 above).*

*145.* ***Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the***

***case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer** (see Ibrahim and Others, cited above, § 265).*

*146. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self-incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 273 in fine).*

*...*

***(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment***

*150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."*

Din is-sentenza ġiet segwita minn diversi oħrajn fil-QEDB inkluż fis-sentenzi fl-ismijiet **Doyle v Ireland** (no. 51979/17, ECHR 2019-V) u **Farrugia v Malta** (no. 63041/13, ECHR 2019-III) però ġiet ikkritikata minn diversi bnadi fil-qasam ġudizzjarju u legali.

10. B'riżultat ta' *Beuze* il-Qrati kostituzzjonali tagħna ġeneralment bdew jaddottaw id-dottrina tal-*overall fairness of the proceedings* u t-test taż-żewġ binarji sabiex jaslu għad-deċiżjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-drittijiet fundamentali għal proċess ġust u għad-difiża iżda din il-posizzjoni ma' kienetx għal kollox kostanti :

    a. Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana v. Avukat Ġenerali et** (Qorti Kostituzzjonali, 31/05/2019) il-Qorti kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti fis-sens li ma' nstabx li kienu ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrent għal smiegħ xieraq (kemm taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni u kemm taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni) meta Paul Anthony Caruana ma' tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni:

    *"20. ... Fid-dawl ta' (Beuze), l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-*

*fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika filliġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.*

*21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.*

*22. Jista' jiġi kontestat jekk din hijiex raġuni impellenti biżżejjed. Fil-fehma tal-qorti, il-ħtieġa li jinqabad min qiegħed jittraffika d-droga f'inħawi qrib istituzzjoni edukattiva fejn jinġabru ż-żgħażagħ, u hekk jiġi salvat min, li ma kienx għal hekk, kien forsi jibda triq li twassal biex jinħakem bil-vizzju tad-droga, hija raġuni tajba biżżejjed. Jekk mhijiex kwistjoni ta' ħajja jew mewt immedjata hija kwistjoni ta' ħajja salvata jew ħajja rovinata.*

*23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. Tassew illi issa l-attur qiegħed igħid illi kien xurban u fis-sakra meta għamel l-istqarrija, iżda x-xiehda turi mod ieħor. Li tassew kien hekk ma kienx sejjer joħroġ b'din l-istorja għall-ewwel darba fil-proċeduri tallum, tmien snin wara li saret l-istqarrija. Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.*

*24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.*

*25. Barra minn hekk, l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta*

*miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura..."*

Il-Qorti għalhekk b'mod indirett qieset illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-proċeduri kollha kriminali ma' kienux *"overall unfair"* nonostante illi fiż-żmien in kwistjoni l-liġi Maltija ma' kienetx tippermetti l-aċċess għal avukat waqt l-interrogatorju.

b. Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen Pirotta v. Avukat Ġenerali** (Qorti Kostituzzjonali, 27/09/2019), il-Qorti ukoll ma' sabitx ksur tad-drittjiet fundamentali tar-rikorrent:

*"Effettivament, dan ifisser illi – kontra dak li qalet l-ewwel qorti fis-silta miġjuba fuq – il-fatt waħdu li ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, u dik l-istqarrija ntużat fil-proċess, ma huwiex biżżejjed biex, ipso facto, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq: trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu ("having regard to the development of the proceedings as a whole").' Fil-każ tallum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l- ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal- provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il- qorti; kellu fakultà jressaq xhieda u jagħmel konto-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu."*

c. Pero imbagħad fis-sentenza fl-ismijiet **Graziella Attard v. Avukat Ġenerali** (Qorti Kostituzzjonali, 27/09/2019), il-Qorti kienet aktar kawta meta qieset illi s-sentenza ta' *Beuze* kienet ġiet ikkritikata minn diversi bnadi u aktar minn hekk, meta qieset illi f'dik il-kawża il-ġuri kontra r-rikorrenti kien għadu ser jibda:

*"10. Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il- qorti*

*għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li dispożizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali, illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-pożizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil- produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*11. Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha*

***18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal- integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix li l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.***

*19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali, u għal din ir-raġuni tiċħad ukoll dan l-aħħar aggravju."*

d. L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Martino Aiello** (27/03/2020, 38/2018) ddeċidiet bil-maqlub u b'riferenza għal każ ta' Graziella Attard qalet hekk:

*"30. L-appellant għamel riferenza għas-sentenza Graziella Attard v. Avukat Ġenerali tas-27 ta' Settembru, 2019 ...*

***31. Pero` dak il-każ kien differenti peress li l-akkużata ma ngħatatx l-opportunita` li titkellem ma' avukat qabel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.***

*32. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti..."*

**<u>Fi kliem ieħor il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala kruċjali il-fatt illi fil-każ ta' Martino Aiello dan kien ingħata l-fakolta' illi jkellem avukat qabel l-istqarrija, mentri fil-każ ta' Graziella Attard, l-interrogatorju tagħha kien seħħ meta anqas dak id-dritt ma' kien jeżisti (jew aħjar, ma' kienx fis-seħħ) fil-liġi Maltija. L-Ewwel Qorti kienet qalet hekk:</u>**

*"Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża li għandha quddiemha llum, din il-Qorti hija tal-fehma li ma ġiex muri li bl-użu tal- istqarrija tiegħu fil-ġuri kontra l-akkużat ser jiġi mittiefes id- dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Qabel xejn, din il-Qorti tgħid illi ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet tajbin li jżommu lill-akkużat milli jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jagħti l- istqarrija. L-uniku raġuni li Martino Aiello ma setax ikun mgħejjun minn avukat kienet li, dak iż-żmien, il-liġi ma kienitx tippermetti li l-akkużat ikun hekk mgħejjun f'dak l-istadju imma seta' jikkonsulta ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni, xi ħaġa li mhux kontestat li Martino Aiello rrifjuta li jagħmel. Madanakollu, il-posizzjoni ġurisprudenzjali kurrenti turi li m'għadux il-każ li l-fatt waħdu li l-liġi ma kienitx tippermetti l-assistenza ta' avukat qabel jew waqt l-interrogazzjoni, awtomatikament iwassal sabiex jinstab li kien hemm ksur tad- dritt għal smigħ xieraq, kif qiegħed jippretendi l-akkużat, imma din il-Qorti għandha tqis diversi fatturi qabel tasal għall- konklużjoni tagħha.*

*Kif diġà ntqal, dan il-każ huwa kemmxejn differenti mill-każ ta' Aldo Pistella in kwantu li Martino Aiello kien fil-fatt irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel ma ġie interrogat mill-Pulizija u assolutament ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni jew waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija............*

*L-akkużat naqas milli juri wkoll li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Fil-fatt, meta xehed quddiem din il-Qorti, tista' tgħid li ma semma xejn dwar iċ-ċirkostanzi tal-arrest tiegħu flimkien ma' martu mal wasla*

*tagħhom hawn Malta. Martino Aiello la kien minorenni u lanqas kien ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilità fiż-żmien in kwistjoni. Lanqas jirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l- istqarrija kienu għalih intimidanti. L-istqarrija ngħatat volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi, u ċioè li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih. Lanqas ma ġie muri li l-akkużat ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ- ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Il-Qorti tinnota wkoll illi Martino Aiello ma qajjem l-ebda lment dwar l-istqarrija li kien irrilaxxja qabel ma ġie deċiż il-każ ta' Borg vs Malta imma huwa talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fl-imsemmija każ. Imma kif rajna, din il-ġurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l- istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità tal- prova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għall- preżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*

*Finalment, il-Qorti tqis illi huwa indubbjament fl-interess pubbliku li jiġi investigat u imressaq sabiex jiġi ġudikat mill- Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali l-akkużat li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta"*

11. Min-naħa l-oħra l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali addottaw posizzjoni ta' kawtela wara s-sentenza ta' *Beuze* u ġeneralment kienu lesti, fid-dawl tal-periklu li l-proċess sħiħ jiġi annullat, illi fejn jkun hemm dubbju jiskartaw bħala inammissibbli stqarrijiet meħuda meta s-suspettat/akkużat ma' jkunx ġie assistit minn avukat:

   a. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf et.** (Qorti Kriminali, 12/12/2019, 1/2019 CSH), il-Qorti qalet hekk:

*"Illi kif jidher fil-gurisprudenza sucitata, kien hemm zvillup sinifikanti fl-interpretazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq tant li in segwitu tas-sentenza fl-ismijiet 'Beuze vs Belgium', dan l-izvillup gie anke rifless f'uhud mis-sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali). Is-sentenzi fl-ismijiet 'Beuze vs Belgium' u 'Farrugia vs Malta' jemfasizzaw il-fatt li irid jittiehed kont tal-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni o meno tad-dritt ghal smiegh xieraq.*

*Il-Qorti ghandha quddiemha kawza li sejra tibda' tinstema minn guri u ghalhekk ma ghandhiex sitwazzjoni bhal kif il-Qorti Kostituzzjonali jew il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) xi drabi jkollhom quddiemhom u cioe' meta in segwitu ta' sentenza res judicata, il-Qorti tigi mitluba biex tistharreg jekk kienx hemm vjolazzjoni ghad-dritt ghal smiegh xieraq minhabba stqarrija rilaxxata minghajr il-prezenza ta' Avukat u fejn f'dik ic-cirkostanza skont dak deciz ricentement mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati ghandhom jaghmlu ezercizzju ta' 'overall fairness' tal-proceduri biex jiddeterminaw jekk kienx hemm lezjoni.*
*Din il-Qorti mhijiex sejra tqis jekk kienx hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq u dan stante li ma hijiex fil-kompetenza ta' din il-Qorti biex tqis dan izda sejra tiddeciedi jekk l-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzati ghandhomx valur probatorju u cioe' humiex ammissibbli tenut kont li ma kellhomx il-jedd li jkollhom Avukat prezenti waqt ir-rilaxx taghhom...*

***... din il-Qorti tishaq li l-fatt li l-akkuzata Josephine Wadi irrinunzjat ghad-dritt ta' parir legali ma jfissirx tassattivament li hija kienet sejra tirrinunzja ghad-dritt li jkollha Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Gialadarba hi ma kelliex dak il-jedd, din il-Qorti ma tistax tippresumi li l-akkuzata kienet ser tirrinunzja dak id-dritt.***

*Din il-Qorti tenut kont ta' dak kollu kkunsidrat, tqis li filwaqt li ma hija bl-ebda mod tikkunsidra t-tehid tal-istqarrijiet minghajr prezenza tal-Avukat bhala lezivi tad-dritt ta' smiegh xieraq, tikkunsidra izda illi gialadarba l-proceduri ghadhom ma ntemmux anzi ghadu ser jinstema' l-guri, ma jkunx ghaqli jekk l-istqarrijiet rilaxxati mill- akkuzati li ttiehdu minghajr il-prezenza ta' Avukat jinzammu fil-process u cioe' li jkollhom valur probatorju b'riskju li l-process ikollu jithassar wara li jintemm jew li aktar il-quddiem l-istqarrijiet jigu sfilzati wara li l-provi jkunu maghluqa bi pregudizzju ghal partijiet kollha.*

*Dan qieghed jinghad ukoll in vista ta' dissenting opinions ta' Imhallfin li ma qablux ma dak deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jew mal-Grand Chamber. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-interpretazzjoni dwar jekk stqarrijiet mehuda minghajr il-prezenza ta' Avukat jilledux jew le id-dritt ghal smiegh xieraq hija kristalizzata.*

***Din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja li l-izvillup gurisprudenzjali jaghti x'jifhem li sabiex jigi deciz jekk kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq irid jittiehed kont tal-process kollu u ghalhekk il-fatt wahdu li stqarrijiet ikunu ttiehdu minghajr il-prezenza tal-Avukat illum il-gurnata qieghed jigi interpretat bhala li ma jfissirx awtomatikament li jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, tenut kont tal-fatt li dan il-guri ghadu ser jibda jinstema', din il-Qorti hija tal-fehma li fl-interess tal-gustizzja u l-integrita tal-process, ghandha tordna l-isfilz tal-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzati****.”*

b. Fis-sentenza mogħtija ftit ġimgħat wara mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Polidano et** (07/01/2020, Appell Nru: 348 / 2018 CSH), il-Qorti qalet hekk:

“*Din il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li kien hemm zvilupp sinifikattiv f'dawn l-ahhar xhur, fejn il-Qrati qeghdin iharsu lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi deciz jekk kienx hemm lezzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq , din il-Qorti tissotolinea li bl-ebda mod ma hemm uniformita' fil-kunsiderazzjonijiet u decizjonijiet tal-Qrati dwar jekk stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mehuda matul l-investigazzjoni minghajr id-dritt tal-prezenta tal-Avukat jilledux id-dritt ghal smiegh xieraq. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza biex tiddeciedi dwar lezjoni o meno ta' dritt fundamentali izda trid tiddeciedi biss jekk ghandhiex tiehu in konjizzjoni stqarrijiet u dikjarazzjonijiet ohra fl-istadju tal-investigazzjoni minghajr id-dritt li suspettati jkunu assistiti minn Avukat. Din il-Qorti ghalhekk tqis li gialadarba qieghdin fi stadju ta' revizjoni, filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq, tiddeciedi li sabiex ma jkunx hemm ir-riskju ta' xi ksur, kwalunkwe dikjarazzjoni, stqarrija jew xhieda moghtija mill-imputati Carmel Polidano ... fl-istadju tal-investigazzjoni u l-inkjesta minghajr il-prezenza tal-Avukat bhala inammissibbli”*

c. Imbagħad fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Timothy Joseph Agius** (21/07/2020, Nru. 5/2018 CSH) intqal illi:

*"Il-Qorti ghandha quddiemha kawza li sejra tibda tinstema minn guri u ghalhekk ma ghandhiex sitwazzjoni bhal kif il-Qorti Kostituzzjonali jew il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) xi drabi jkollhom quddiemhom u cioe' meta in segwitu ta' sentenza res judicata, il-Qorti tigi mitluba biex tistharreg jekk kienx hemm vjolazzjoni ghad-dritt ghal smiegh xieraq minhabba stqarrija rilaxxata minghajr il-prezenza ta' Avukat u fejn f'dik ic-cirkostanza skont dak deciz ricentement mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati ghandhom jaghmlu ezercizzju ta' 'overall fairness' tal-proceduri biex jiddeterminaw jekk kienx hemm lezjoni. Din il-kawza in segwitu tal-kumpilazzjoni, sejra tibda tinstema minn guri u ghalhekk din il-Qorti qieghda tintalab sabiex tiddeciedi din l-eccezzjoni preliminari u cioe' jekk l-istqarrija rilaxxata minghajr il-prezenza ta' Avukat hijiex ammissibli. L-akkuzat jibbaza din l-eccezzjoni preliminari fuq il-premessa li kien hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq tul proceduri kriminali mehuda kontra tieghu rizultat tal-fatt li ma kellux Avukat tal-ghazla tieghu jassistih matul ir-rilaxx tal-istqarrija. F'dan il-kaz partikolari l-akkuzat kien ghamel uzu tad-dritt li jikkomunika ma' Avukat matul it-tehid tal-istqarrija izda l-ligi ma kintix tipprovdi ghad-dritt sabiex suspettat ikollu Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija u ghalhekk f'kull stadju tal-investigazzjoni. Din il-Qorti mhijiex sejra tqis jekk kienx hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq u dan stante li ma hijiex fil-kompetenza ta' din il-Qorti biex tqis dan izda sejra tiddeciedi jekk l-istqarrija tal-akkuzat ghandhiex tibqa' fl-atti u ghalhekk ghandhiex valur probatorju...*

*... Din il-Qorti tqis ghalhekk li filwaqt li ma hija bl-ebda mod tikkunsidra t-tehid tal-istqarrija minghajr prezenza tal-Avukat bhala leziva tad-dritt ta' smiegh xieraq, tqis izda illi gialadarba l-proceduri ghadhom ma ntemmux anzi ghadu ser jinstema' l-guri, u stante li l-kontenut tal-istqarrija rilaxxata fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) tista' jkollha impatt fuq il-process kriminali, ma jkunx ghaqli jekk l-istqarrija tal-akkuzat li ttiehdet minghajr il-prezenza ta' Avukat tinzamm fil-process u cioe' li jkollha valur probatorju b'riskju li l-process ikollu jithassar wara li jintemm jew li aktar il-quddiem l-istqarrija tigi sfilzata wara li l-provi jkunu maghluqa bi pregudizzju ghal partijiet kollha. Dan qieghed jinghad ukoll in vista ta' dissenting opinions*

*ta' Imhallfin li ma qablux ma dak deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jew mal-Grand Chamber. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-interpretazzjoni dwar jekk stqarrijiet mehuda minghajr il-prezenza ta' Avukat jilledux jew le id-dritt ghal smiegh xieraq hija kristalizzata.*

*Din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja li l-izvillup gurisprudenzjali jaghti x'jifhem li sabiex jigi deciz jekk kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq irid jittiehed kont tal-process kollu u ghalhekk il-fatt wahdu li stqarrija tkun ittiehdet minghajr il-prezenza tal-Avukat illum il-gurnata qieghed jigi interpretat bhala li ma jfissirx awtomatikament li jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, gialadarba dan il-guri ghadu ser jibda jinstema', din il-Qorti hija tal-fehma li fl-interess tal-gustizzja u l-integrita tal-process, ghandha tordna l-isfilz tal-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat."*

d. Interessanti però l-posizzjoni li addottat il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Lawrence Darmanin** (04/07/2019, Appell Numru 495/2016 EG) u **Il-Pulizija v. Marouska Azzopardi** (03/07/2020, Appell Numru 259/2015 EG) meta l-Qorti fiż-żewġ sentenzi, wara li uriet ruħha favur il-posizzjoni dissidenti tal-Imħallfin Georgios Serghides u Paulo Pinto de Albuquerque fir-rigward tas-sentenza tal-QEDB ta' *Farrugia v. Malta* qalet hekk:

*"Illi l-Qorti taqbel ma' din il-fehma għaliex ġjaldarba ma hemm ebda raġuni impellenti li abbażi tagħha l-persuna suspettata tkun ġiet mċaħħda mill-jedd ghall-assistenza legali, anke jekk wahda minima, allura kwalunkwe dikjarazzjoni hekk rilaxxjata tpoggi lil dik il-persuna sussegwentement akkuzata fi zvantagg, meta dak dikjarat minnha fi stadju investigattiv, anke jekk mhux inkriminatorja, tingieb imbaghad bhala prova kontra tieghu/taghha fil-process penali tant ghalhekk illi jkun hemm lezjoni tad-dritt tieghu/taghha ghal smigh xieraq. Dan minghajr il-htiega li jigi ezaminat jekk tali stqarrija kenitx determinanti o meno fil-gudizzju finali u li allura jigu ezaminati "the overall fairness of the proceedings", it-tieni kriterju stabbilit fit-test ġdid mfassal mill-Qorti Ewropeja.* ***Il-Qorti tirrileva illi qed thaddan din il-fehma biss fir-rigward ta' dawk l-istqarrijiet rilaxxjati qabel Frar tas-sena 2010 u allura fiz-zmien meta kien hemm projbizzjoni assoluta ghal persuna suspettata li tikseb parir legali jew li tkun assistita minn avukat*** *u allura meta ma kien hemm ebda raguni impellenti 'il ghala l-persuna suspettata kellha tigi imcahhda mill-assistenza legali."*

e. Tal-istess fehma kienet il-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Robert Sant et** (04/11/2019, Kump Nru. 599/2015 DFD) meta l-Qorti wara li għamlet riferenza għaż-żewġ sentenzi surreferiti tal-Qorti tal-Appell Kriminali, qalet hekk:

*"Il-kaz in dezamina ma jirrigwarda l-ebda dikjarazzjoni li saret qabel Frar, 2010. Id-deċiżjoni ta' din il-Qorti, li ma tiskartax izda li tiddikjara bhala ammissibbli dak mistqarr mill-imputati mal-Prof. Torpiano, ittiehdet wara li din il-Qorti assigurat ruhha mill-"the overall fairness of the proceedings" minkejja li l-imputati ma kellhomx avukat prezenti meta xehdu quddiem l-esperti tal-Qorti fil-kors tal-inkjesta maġisterjali."*

*L-istat tal-imputati fil-mument illi ttieħdet ix-xhieda tagħhom fl-inkjesta maġisterjali*

12. Qabel ma' l-Qorti tikkunsidra l-eċċezzjoni tal-imputati fuq l-inammissibbiltà' tax-xhieda tagħhom mogħtija mingħajr assistenza legali quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fid-dawl tal-ġurisprudenza msemmija, il-Qorti ser tgħaddi brevement għal punt ieħor u ċioe fuq l-istat tal-imputati f'dak l-istadju, cioe' jekk kienux meqjusa suspettati fis-sens jekk kienux ġew infurmati, b'mod uffiċjali jew le, li huma kienu qed jiġu suspettati li kkommettew reat kriminali.

13. Skond l-Artikolu 2.1 tad-Direttiva 2013/48/UE:

'*2.1 Din id-Direttiva tapplika għal persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali* ***mill-mument meta dawn jiġu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, b'notifika uffiċjali jew b'mod ieħor, li huma suspettati jew akkużati li jkunu wettqu reat kriminali****, u irrispettivament minn jekk ikunux miċħuda mil-libertà. Din tapplika sal-konklużjoni tal- proċedimenti, li huwa mifhum li tfisser id-determinazzjoni finali tal-kwistjoni jekk il-persuna suspettata jew akkużata tkunx wettqet ir-reat, inkluż fejn applikabbli, l-għoti ta' sentenza u r- riżoluzzjoni ta' kwalunkwe appell*'.

14. Skond l-Artikolu 355AUA tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

*'355AUA. (1) Il-persuna* ***suspettata*** *jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.*

*(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

*(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;*

*(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is subartikolu (8)(e);*

*(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;*

*(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.*

*...*

*(8) Id-dritt ta' aċċess għal avukat għandu jfisser dan li ġej:*

*...*

*(ċ) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni'*

15. Filwaqt li d-Direttiva ma' tagħtix definizzjoni ta' "persuna suspettata", il-leġislatur Malti ħaseb għal dan billi fl-Art. 355AT(2)(a) tal-Kap. 9 iddefinixxa lit-tali bħala:

    '*persuna li tkun **<u>miżmuma jew arrestata</u>** mill-Pulizija Eżekuttiva jew kwalunkwe awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fejn dik il-persuna tkun għadha ma ġietx mixlija quddiem qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali u tkun qed tiġi interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn kwalunkwe awtorità oħra kif imsemmi fir-rigward ta' reat kriminali*'

16. Din id-definizzjoni hija problematika minħabba li tirrikjedi li s-suspettat jkun ġie miżmum jew arrestat mill-Pulizija u dan kontra dak li tgħid id-Direttiva li tagħmilha ċara li d-drittijiet japplikaw anke irrispettivament minn jekk il-persuna suspettata jew akkużata tkunx ġiet imċaħħda mil-libertà jew le. L-ebda wieħed mill-imputati

f'din il-kawża ma' safa arrestat jew detenut fl-istadju investigattiv u għaldaqstant interpretazzjoni *ad litteram* tad-definizzjoni taħt il-Liġi Maltija tkun tfisser li anke li kieku l-liġi *in vigore* kienet fis-seħħ ukoll fl-2015, dawn xorta ma' kienx ikollhom dritt għall-assistenza ta' avukat matul ix-xhieda tagħhom.

17. Fil-verità sa' mill-bidu nett tal-proċess leġislattiv li wassal għall-ħruġ tad-Direttiva 2013/48/UE diversi kienu dawk l-Istati Membri li oġġezzjonaw li d-drittijiet in kwistjoni jingħataw ukoll lil dawk li ma' jkunux ġew arrestati u dan għaliex skond huma dan kien ser iwassal għall-estrem l-ieħor fejn tkun qed tingħata wisq protezzjoni b' riskju serju illi l-proċess kriminali ma' jibqax wieħed effettiv. Il-Parlament Ewropew kien tal-fehma però illi kwalunkwe mistoqsijiet li jistgħu jsiru mill-awtoritajiet kompetenti lil persuni suspettati ta' reat jistgħu jwasslu għal dikjarazzjonijiet inkriminanti, abbuż u trattament ħażin **anke jekk dawn ma' jkunux mċaħħda mill-libertà tagħhom.** Biex jissostanzja l-posizzjoni tiegħu, l-Parlament Ewropew stieden lis-Segretarjat tal-Kunsill tal-Ewropa sabiex jagħti l-kummenti tiegħu f'dan ir-rigward b'riferenza ukoll għall-istandards ta' protezzjoni stabbiliti matul is-snin mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ad eżempju fil-kawża fl-ismijiet **Nechipourok and Yonkalo v. Ukraine** (reża finali fil-21 ta' Lulju 2011) il-QEDR (il-Ħames Sezzjoni sedenti fil-Kamra) stqarret hekk:

*"262. The Court emphasises that, although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of a fair trial (see Krombach v. France, no. 29731/96, § 89, ECHR 2001-II). As a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 55 27 November 2008).* ***The right to defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (ibid).***

*263.* ***The Court has consistently viewed early access to a lawyer as a procedural guarantee of the privilege against self-incrimination and a fundamental safeguard against ill-treatment, noting the particular vulnerability of an accused at the early stages of the proceedings when he is confronted with both the stress of the situation and the increasingly complex criminal legislation involved.*** *Any exception to the enjoyment of this right should be clearly circumscribed and its application strictly limited in time. These principles are particularly called for*

*in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz, cited above, § 54).”*

18. Sussegwentement il-Parlament Ewropew qabel illi ċ-ċaħda mill-libertà’ m’għandiex tkun kundizzjoni essenzjali għall-protezzjoni tad-drittijiet ravvisati fid-Direttiva kif wara kollox ma’ kienetx kundizzjoni essenzjali għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għal smiegħ xieraq u għad-difiża kif sanċiti fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem. Kif ġa ngħad iktar ‘l fuq, mad-daqqa t’għajn jidher li l-leġislatur Malti xorta waħda żamm din il-kundizzjoni fl-Artikolu 355AT(2)(a) tal-Kap. 9. Jingħad “mad-daqqa t’għajn” proprju għaliex imbagħad fl-**artikolu sussegwenti**, cioe fl-Art. 355AU(1), hemm indikat illi:

    *“355AU. (1) Dan is-Sub-titolu japplika għal persuni suspettati* (a propożitu, l-kelma “suspettati” qed tiġi miżjuda mill-Qorti peress li bi żvista hija totalment mankanti fil-verżjoni Maltija ta’ dan l-artikolu) *jew għal persuni akkużati fi proċeduri kriminali mill-ħin li jkunu mgħarrfa mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja, permezz ta’ notifika uffiċjali jew xort’oħra, li huma suspettati jew akkużati li kkommettew reat kriminali, u **irrispettivament jekk ġewx imċaħħda mil-libertà jew le**.”* !

19. Għaldaqstant jidher illi l-intenzjoni tal-leġislatur Malti kienet illi d-Direttiva tiġi trasposta b’mod preċiż inkluż allura li d-drittijiet relattivi jkunu applikabbli għal suspettati jew akkużati anke jekk dawn ma’ jkunux ġew arrestati. It-traskuraġni fl-abbozzar tal-emendi (speċifikament fid-diċitura tal-Art. 355AT) wassal però sabiex tingħata l-impressjoni żbaljata illi dan m’huwiex il-każ.

20. L-Istati Membri huma obbligati li jittrasponu fil-liġijiet tagħhom id-Direttivi maħruġa mill-UE b’mod li anke jekk dan ma’ jsirx kelma b’kelma, madanakollu r-riżultat għandu jkun l-istess. Pajjiżna kellu sas-27 ta’ Novembru 2016 sabiex jdaħħal il-leġislazzjoni relevanti sabiex jintlaħaq l-għan tad-Direttiva in kwistjoni. Ġaladarba l-implimentazzjoni f’dan ir-rigward, anke jekk bi żvista, ma’ saritx b’mod preċiż, il-Qorti hija obbligata li tagħti effett lid-Direttiva (taħt id-dottrina tal-effett indirett) billi tinterpreta l-Liġi Maltija fid-dawl tad-Direttiva. Għalhekk il-Qorti trid bilfors, nonostante d-diċitura tal-Art. 355AT(2)(a) tal-Kap. 9, tqis illi d-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi japplikaw ukoll għal persuni suspettati **li ma’ jkunux ġew miżmuma jew arrestati** mill-Pulizija Eżekuttiva.

21. Stabbilit dan il-punt, issa jmiss li jiġi kkunsidrat jekk l-imputati, fil-mument li kienu qed jagħtu x-xhieda tagħhom, kienux **infurmati (b'mod uffiċjali jew b'mod ieħor) li kienu suspettati li wettqu reat kriminali**. Dan għaliex kif ingħad id-drittijiet relattivi inkluż id-dritt li suspettat jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, jiskattaw minn dak il-mument.

22. Ir-rwol tal-Maġistrat Inkwirenti ġie deskritt b'mod stupend mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Jason Calleja** (deċiża fit-3 ta' Lulju 1997) kif ġej:

*"Il-Maġistrat Inkwirenti fil-kors ta' l-inkjesti ma jaġixxix bħala Qorti Istruttorja, iżda bħala Maġistrat ut sic. Anzi, f'ċerti partijiet tal-Kodiċi Kriminali, bħal per eżempju, fl-artikolu 549 (4), hemm ċara d-distinzjoni bejn il-Maġistrat Inkwirenti u l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Huwa anqas ma għandu funzjoni ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Il-Maġistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkarigu li fil-każijiet previsti mill-istess titolu, jinvestiga r-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew iżomm l-aċċess li l-liġi tipprevedi u fl-aħħarnett jirrediġi proċess verbal li l-liġi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-proċess ġenerali tar-riċerka tal-verità' u jikkonsisti prinċipalment fil-ġbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Maġistrat Inkwirenti jirnexxielu jidentifika bħala pertinenti għall-ġrajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bħala tali, u kuntrarjament għal dak li jiġri f'ċerti sistemi kontinentali, il-Maġistrat Inkwirenti mhux parti mill-pulizija u wisq anqas mill-prosekuzzjoni, anzi jidher ċar li fis-sistema tagħna huwa previst biex f'numru ta' każijiet serji li l-liġi stess tispeċifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jinġabrux u ma jiġux ippreservati biss mill-pulizija, iżda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter eżekuttiv ta' l-Istat u li jiggarantixxu li r-riċerka tal-verità' ma tkunx inkwinata minn xi interessi hlief dak suprem li kollox isir skond il-ħaqq u l-ġustizzja. Rwol dan, li Lord Tucker, fl-appell quddiem il-Privy Council in re Regina vs George Terreni, iddeskriva bħala a good way of preserving evidence. Ċertament mhix il-funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti li jiddeċiedi li għar-reat investigat minnu huwa ċertament jew probabbilment responsabbli xi ħadd partikolari, ghax kif inghad huwa ma jaġixxix qua Qorti, la ta' Istruttorja u lanqas ta' Ġudikatura. Iżda hija ċertament il-funzjoni tiegħu li jiddeċiedi l-ewwel hemmx provi suffiċjenti li verament sar reat u t-tieni jekk a bażi tal-provi- indipendentement mill-apprezzament tagħhom - hemmx biżżejjed biex jingħad li xi hadd partikolari jista' possibbilment ikun passibbli għal proċeduri kriminali."*

23. Għalhekk meta l-Maġistrat Inkwirenti kienet qed tieħu x-xhieda tal-imputati, dan hi kienet qed tagħmlu bħala parti mill-proċess tal-ġbir ta' dawk il-provi kollha li setgħu f'dak l-istadju jiġu identifikati minnha bħala rilevanti in konnessjoni mal-inċident li seħħ waqt l-attività' magħrufa bħala 'Paqpaqli għall-Istrina' fl-4 ta' Ottubru 2015. Ċertament ma' kienx ifisser illi l-imputati kollha, f'dak l-istadju, kienu qegħdin jiġu meqjusa bħala suspettati li wettqu reat kriminali. Tant hu hekk illi l-imputati kienu biss ftit minn numru ferm ikbar ta' persuni li ttieħditilhom ix-xhieda mill-Maġistrat Inkwirenti. **Il-maġġoranza kbira ta' dawn ix-xhieda la kienu meqjusa suspettati li wettqu reat kriminali f'dak l-istadju u lanqas ma' ġew imħarrka l-Qorti sussegwentement**.

24. Fl-istadju tat-trattazzjoni d-Difiża qajjmet il-punt illi l-fatt biss illi l-imputati ngħataw twissija dwar id-drittijiet spettanti lilhom huwa minnu nnifsu indikazzjoni ċara illi f'dak l-istadju dawn kienu meqjusa suspettati. Il-Qorti taqbel ma' dan il-punt għaliex l-Artikolu 2.1 tad-Direttiva ma' jagħmilhiex tassattiva illi s-suspettat jingħata **notifika uffiċjali** mill-awtoritajiet kompetenti dwar l-istatus tiegħu ta' suspettat iżda tippermetti ukoll li dan **jiġi nfurmat** b'**mod ieħor**, Li bniedem jingħata d-drittijiet qabel ix-xhieda tiegħu għandu jiġi meqjus bħala dan il-"mod ieħor" ta' kif jiġi nfurmat illi huwa suspettat. Il-Qorti ma' taqbilx però illi l-imputati kollha ingħataw it-twissija qabel ix-xhieda tagħhom. Filfatt jirriżulta illi:

   a. **Paul Bailey** xehed fil-5 ta' Ottubru 2015, fis-7.00pm u fit-8.00pm, ġewwa l-Isptar Mater Dei fejn kien qiegħed jiġi rikoverat għall-ġrieħi li kien ġarrab fl-inċident u qabel ma' xehed huwa ġie infurmat bid-drittijiet tiegħu. Huwa għażel illi ma' jkellimx avukat qabel ix-xhieda u ma' kellu l-ebda oġġezzjoni li jwieġeb id-domandi magħmulha lilu. Il-Qorti tqis illi b'mod ċar Paul Bailey kien diġà meqjus bħala suspettat f'dak l-istadju mhux l-anqas għaliex kien hu s-sewwieq tal-vettura involuta fl-inċident in kwistjoni;

   b. **Tonio Darmanin** xehed fl-4, 5, 6. 9 u 15 ta' Ottubru 2015 u xehed ukoll fit-3 ta' Novembru 2015. Fl-okkażjonijiet kollha huwa kien ġie mogħti t-twissija u filfatt iddikjara illi huwa kien diġà kellem avukat ħabib tiegħu u ma' kellu l-ebda oġġezzjoni li jwieġeb id-domandi tal-Maġistrat Inkwirenti. Il-Qorti għalhekk tqis li l-istess imputat kien qiegħed jiġi ttrattat bħala bniedem suspettat f'għajnejn il-liġi;

   c. **Tonio Cini u Kevin Perry** xehdu fil-5 ta' Ottubru 2015, fid-9 ta' Ottubru 2015 u fit-3 ta' Novembru 2015. L-ewwel darba li xehdu huma ma' kienux

ingħataw twissija iżda sakemm reġgħu xehdu fid-9 ta' Ottubru 2015 jidher li dan l-istat tagħhom inbidel tant illi kemm fid-9 ta' Ottubru 2015 u kemm fit-3 ta' Novembru 2015 ingħataw id-drittijiet. Il-Qorti għalhekk tqis illi filwaqt li l-ewwel darba li xehdu huma ma' kienux meqjusa bħala suspettati, fit-tieni u t-tielet darba huma kienu meqjusa bħala tali.

d. **Jonathan Bruno, Melvin Haber, Ian Cilia Pisani, Christopher Sultana u David Bugeja** lkoll xehdu fil-5 ta' Ottubru 2015 u ma' ngħataw l-ebda twissija. Il-Qorti għalhekk tqis illi dawn ma' kienux bniedem suspettati meta iddeponew quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. L-istess japplika għall-imputat **Agostino Degiorgio** li xehed fis-6 ta' Ottubru 2015 u li wkoll ma' ngħata l-ebda twissija.

e. **Jonathan Tonna** u **Angelo Manara** xehdu fid-9 ta' Ottubru 2015 u 15 ta' Ottubru 2015 rispettivament u ngħataw t-twissija. Il-Qorti għalhekk tqis li dawn kienu qegħdin jiġu ttrattati bħala suspettati f'dak l-istadju;

f. Finalment, **Brian Gatt** xehed darbtejn fil-5 ta' Ottubru 2015, darba fit-2 ta' Novembru 2015 u darbtejn oħra fit-3 ta' Novembru 2015. Kien biss fil-5 ta' Ottubru 2015 illi huwa ma' ngħatax it-twissija mentri fl-okkażjonijiet l-oħra huwa kien dejjem ġie infurmat bid-drittijiet tiegħu.

25. Minn din is-sekwenza jirriżulta b'mod ċar lill-Qorti illi fl-istadju inizjali tal-*in genere* kienu biss Paul Bailey u Tonio Darmanin li kienu qegħdin jiġu meqjusa bħala suspettati li kkommettew reat kriminali tant li meta ġew biex jixhdu ingħataw id-drittijiet tagħhom sa' mill-bidu nett. Fir-rigward tal-imputati l-oħra però dan ma' kienx il-każ tant illi dawk li xehdu fil-5 ta' Ottubru 2015 ma' kienux nqrawlhom id-drittijiet mill-Maġistrat Inkwirenti. Kien biss fil-ġranet u ġimgħat sussegwenti imbagħad li b'riżultat tal-informazzjoni u provi li kienu qed jinġabru, ftit mill-imputati, cioe' Tonio Cini, Kevin Perry u Brian Gatt saru suspettati tant illi l-ewwel darba li reġgħu ntalbu jixhdu ngħataw it-twissija.

*Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-ammissibilita' tax-xhieda tal-imputati*

26. Il-Qorti kellha ċans tifli x-xhieda kollha mogħtija mill-imputati u minn persuni oħra fl-*in genere* u kif ukoll ix-xhieda ġia' mogħtija f'din il-kawża u kkunsidrat dak kollu li ngħad fil-ġurisprudenza kopjuża fuq elenkata. Minn dan kollu tinnota illi:

- Ix-xhieda kollha tal-imputati fl-*in genere* seħħet wara Frar 2010, ċioe mhux fi żmien meta kien hemm projbizzjoni assoluta għal persuna suspettata li

tikseb parir legali jew li tkun assistita minn avukat imqar qabel l-interrogatorju;

- Difatti l-imputati kollha ġew mismugħa minn Maġistrat (illum Imħallef) ta' esperjenza vasta wara li (dawk li kienu meqjusa bħala suspettati) ġew mogħtija speċifikament id-dritt li jieħdu parir legali qabel ix-xhieda tagħhom u wara li ġew infurmati fuq id-drittijiet l-oħra spettanti lilhom dak iż-żmien inkluż id-dritt li ma' jgħidu xejn li tista' tinkriminahom. L-imputati kollha però għażlu illi ma' jibbenefikawx mid-dritt li jieħu parir legali apparti Tonio Darmanin li filfatt stqarr illi huwa kien ġa kellem avukat "ħabib tiegħu" qabel l-interrogatorju;

- Fir-rigward ta' Tonio Darmanin, Tonio Cini, Kevin Perry, Jonathan Tonna, Angelo Manara u Brian Gatt, dawn kollha ġew mismugħa iżjed minn darba u ġaladarba ħadd minnhom ma' kien taħt arrest huma kellhom iż-żmien kollu u l-liberta' kollha sabiex bejn ġurnata u oħra jieħdu l-pariri legali kollha neċessarji fid-dawl ta' dak li xehdu u li kienu għadhom ser jixhdu;

- Meta xehdu Tonio Cini, Kevin Perry u Brian Gatt fil-5 ta' Ottubru 2015 huma ma' kienux ġew infurmati, uffiċjalment jew le, li huma kienu suspettati li kkommettew reati kriminali. L-istess japplika għax-xhieda ta' Jonathan Bruno, Melvin Haber, Ian Cilia Pisani, Christopher Sultana u David Bugeja. Il-Qorti ma' tarax illi l-imputati kellhom jiġu meqjusa bħala suspettati f'dak l-istadju tal-*in genere* u filfatt ġew mismugħa flimkien ma' diversi xhieda oħra illi sussegwentement ma' ttieħdu l-ebda proċeduri kontrihom. Meta imbagħad il-Maġistrat Inkwirenti mix-xhieda pertinenti u provi oħra li kienet qed tiġbor bdiet tibni stampa iżjed ċara ta' dak li seta' ġara u kien hemm bidla fl-istat ta' numru ta' imputati għal dak ta' suspettati, huma ġew mogħtija d-drittijiet tagħhom b'mod pront. Għalhekk anke li kieku din ix-xhieda ingħatat wara Novembru 2016 ma' kienux jiskattaw id-drittijiet taħt id-Direttiva abbażi tal-Artikolu 2.1 tagħha.

- Il-Qorti rat ukoll illi l-provi li hemm sa' dan l-istadju fil-proċess inkluż x-xhieda li ttieħdet fl-inkjesta maġisterjali huma voluminużi ħafna fis-sens illi **apparti mix-xhieda li taw l-imputati stess** hemm diversi provi oħra illi jistgħu jintużaw, favur jew kontra l-istess imputati, u li għalhekk m'huwiex il-każ illi l-ħtija jew l-innoċenza tagħhom sejra tirriżulta unikament jew prinċipalment minn dak li xehdu huma.

- Il-Qorti rat ukoll però illi x-xhieda tal-imputat Bailey ittieħdet mill-Maġistrat Inkwirenti ftit inqas minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa mill-inċident filwaqt li huwa kien qiegħed rikoverat l-Isptar Mater Dei. Għalkemm mir-rapport tal-Pulizija il-ġrieħi tiegħu ġew deskritti bħala li kienu ta' natura ħafifa, mhux l-istess irriżulta mill-perizja ta' Dr. Mario Scerri illi *inter alia* sab numru ta' fratturi fil-moħħ u kkonkluda illi l-kondizzjoni tiegħu kienet waħda gravi għalkemm stabbli. Il-Qorti tqis illi tenut kont in-natura ta' ġrieħi gravi illi ġarrab u l-fatt illi huwa xehed fi Sptar f'pajjiż barrani ftit inqas minn 24 siegħa wara l-inċident, l-imputat kien kjarament persuna vulnerabbli fiż-żmien li xehed u għaldaqstant dan l-istat ta' vulnerabilità' flimkien man-nuqqas tal-presenza ta' avukat waqt l-istess xhieda jagħmluha diffiċli ferm jekk mhux addirittura impossibbli illi jkun hemm "overall fairness of the proceedings" fir-rigward tiegħu.

27. Għalhekk il-Qorti filwaqt li qed tiddikjara bħala ammissibbli x-xhieda kollha li ngħatat mill-imputati l-oħra fl-inkjesta Maġisterjali, qegħda tiddikjara bħala inammissibbli f'din il-kawża x-xhieda li ngħatat minn Paul Bailey quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u konsegwentement ser tordna l-isfilz tagħha.

**A1. L-eċċezzjoni dwar l-inammissibbiltà' tad-dokumenti li esebew l-imputati fix-xhieda tagħhom quddiem il-Maġistrat Inkwirenti mingħajr l-assistenza ta' avukat**

28. Ġaladarba l-Qorti ddikjarat bħala inammissibbli x-xhieda ta' Paul Bailey mogħtija fl-inkjesta Maġisterjali, din l-inammissibbiltà testendi ukoll għad-dokumenti li seta' esebixxa x-xhud fl-istess xhieda tiegħu. Il-Qorti tara li għalkemm ix-xhud ma' esebixxa l-ebda dokument huwa ġie konfrontat b'numru ta' dokumenti (Dok A sa' Dok H) liema dokumenti ġew annessi mal-istess xhieda. Ix-xhud immarka ukoll bil-pinna xi dettalji fuq Dok A. Dawn id-dokumenti kollha għandhom jiġu sfilzati mill-proċess flimkien max-xhieda tal-istess imputat.

29. Fir-rigward tax-xhieda mogħtija mill-imputati l-oħra l-Qorti diġà ddikjarat li dawn huma ammissibbli bħala prova u dan naturalment japplika ukoll għal kwalunkwe dokumenti li setgħu esebew fix-xhieda tagħhom.

**A2. L-eċċezzjoni dwar l-inammissibbiltà' tar-relazzjoni ta' Quentin Tanti u tax-xhieda tiegħu fil-kawża fil-konfront ta' Paul Bailey in kwantu dawn huma msejjsa fuq ix-xhieda mogħtija mill-imputat mingħajr l-assistenza ta' avukat.**

30. L-espert Quentin Tanti ġie imqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex '*bħala Espert Tekniku tat-traffiku b'mod individwali kif ukoll (billi) jassisti lil Dr Martin Bajada u*

*jirrelata b'mod partikolari fuq id-dinamika tal-inċident, x'wassal għall-inċident u dan billi ikollu aċċess għal kull dokument Ii jiġi esibit fl-atti tal-inkjesta, ghax-xhieda ġia mismugħa mill-Maġistrat Inkwirenti u jirrelata bil-miktub dwar ir-riżultanzi tieghu lil din l-Onorabbli Qorti. Dan l-espert qed jingħata l-fakultà' li jisma' x-xhieda bil-ġurament relatata mat-teħid ta' informazzjoni minn fuq il-kompjuter installat fil-vettura jekk ikun il-każ'*.

31. Il-Qorti fliet ir-relazzjoni tal-espert tekniku u sabet illi l-istess espert ma' qagħadx esklussivament u lanqas prinċipalment fuq ix-xhieda ta' Paul Bailey sabiex wasal għal konklużjonijiet tiegħu. Ikun ġust però illi kull fejn issir riferenza għax-xhieda ta' Bailey din għandha tiġi skartata. Għalhekk:

    a. Il-paragrafu 5.2.3 għandu jiġi ngassat fl-intier tiegħu
    b. Il-paragrafu 5.2.4 għandu jiġi ngassat fl-intier tiegħu
    c. Il-paragrafu 5.3.2 għandu jiġi emendat sabiex jaqra kif ġej: "*Skond ix-xhieda ta' Thomas Bangma ta' l-4 ta' Ottubru 2015, huwa kien riekeb ma Paul Bailey waqt l-imsemmija l-aħħar run, fejn Bangma jgħid Ii 'qabel ma laħaq it-tieni chicane, fi triqtu lura, il-vettura tilħaq veloċità  massima ta' 180 km/h*."
    d. Fil-paragrafu 5.3.4 il-kliem "*dirt kif iddeskrivih Paul Bailey*" għandhom jiġu ngassati
    e. Fil-paragrafu 5.3.6 il-kliem "*hekk kif ammetta huwa ukoll, u żied jgħid li għafsu b'saħħtu kollha*" għandhom jiġu ngassati
    f. Fil-paragrafu 6.1 il-kliem "*kompatibbli mal-verzjoni ta' Bailey stess, mghotija fix-xhieda tieghu fejn jghid Ii, bhax-chicane l-ohra , din kien slow in fast out  u dan nonostante li kien konsapevoli u konxju llli, kif qal kliemu stess 'The chicane was verv near to the people who were watching.'*" għandhom jiġu ngassati.

**A3. L-eċċezzjoni dwar l-inammissibbiltà' tar-rapporti peritali kollha li ġew ippreżentati fl-inkjesta in kwantu dawn huma msejjsa fuq l-istqarrijiet jew dokumenti esebiti mill-imputati li huma inammissibbli.**

32. Fir-rigward tax-xhieda mogħtija mill-imputati kollha barra Paul Bailey il-Qorti diġà ddikjarat li dawn huma ammissibbli bħala prova u għaldaqstant kwalunkwe relazzjoni ta' xi espert imqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti li hija msejjsa fuq tali xhieda hija ukoll ammissibbli.

33. Fir-rigward tax-xhieda ta' Paul Bailey, ir-relazzjoni ta' Quentin Tanti diġà ġiet emendata sabiex titneħħa kull riferenza għax-xhieda tiegħu in kwantu din ġiet

iddikjarata bħala inammissibbli. L-istess għandu jgħodd għal kwalunkwe riferenza oħra għat-testimonjanza tal-istess imputat fir-relazzjonijiet tal-esperti l-oħra. Il-Qorti rat illi l-unika espert ieħor li rrefera għat-testimonjanza ta' Paul Bailey kien John Gera. Anke fir-rigward ta' dan l-esperti l-Qorti tissottolineja illi fil-konklużjonijiet tiegħu dan ma' qgħadx la esklussivament u lanqas prinċipalment fuq ix-xhieda ta' Paul Bailey.

34. Mir-relazzjoni ta' John Gera għandha tiġi ingassata l-parti li tibda bil-kliem "*Mix xhieda tas-sewwieq Paul Bailey...*" sa "*Jgħid li kien hemm sejħa mondjali għal dan it-tip ta' mudell (918) ta' Porsche.*" (Paġni 19-22 tar-rapport) kif ukoll il-parti segwenti *"Paul Bailey fix-xhieda tieghu jghid Ii hu qatt ma kellu x'jaqsam mad-tfassil tas-circuit, din fil-fehma ta' l-esponent tkompli tikkonferma prova cara ohra Ii Paul Bailey ma kellu l-ebda hsieb Ii isuq il-Porsche Spyder 918 tieghu fuq din il-korsa"* (Paġna 27) u l-parti li tibda bil-kliem: "*Dan il-fatt huwa kkorroborat ukoll mix-xhieda ta' Paul Bailey ...*" sa' "*Ii jekk il-vettura tieħdok f'kantuniera ma kellek qatt tagħfas il-break*" (Paġna 29). Għandha tiġi sfilzata ukoll ix-xhieda ta' Paul Bailey li ġiet annessa mal-istess relazzjoni.

**B. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà' tax-xhieda mogħtija minn Paul Bailey quddiem il-Maġistrat Inkwirenti minħabba <u>l-istat ta' saħħa</u> tieghu f'dak l-istadju.**

35. Din l-eċċezzjoni diġà ġiet ikkunsidrata u milqugħa mill-Qorti fl-aħħar parti tal-paragrafu numru 26 ta' dan id-digriet.

**C. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà tax-xhieda mogħtija in kontro-eżami wara domandi magħmula minn avukat ta' imputat u dan <u>fir-rigward tal-imputati l-oħra</u>.**

36. Il-posizzjoni addottata b'mod konsistenti mill-Qrati tagħna hija dik li jgħidu x' jgħidu ko-imputati jew ko-akkużati kontra xulxin qatt ma jista' jiswa bħala prova kontra l-ko-imputat/i jew ko-akkużat/i ieħor jew oħrajn. Din il-posizzjoni ġiet interpretata *a contrario sensu* mid-diċitura tal-Art. 636(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi *"ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunità sabiex hekk ikun jista' jixhed"*. Fi kliem ieħor, meta ma' jkunx hemm maħfra mogħtija mill-Istat, xhud li jkun imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xhieda tieghu ma' jkunx kompetenti biex jixhed. **Dan għandu jgħodd ukoll għal dak li jkunu qalu l-imputati fl-istadju tal-*in genere.***

37. Din ir-regola ġiet saħansitra interpretata u estiża mill-ġurisprudenza biex tkopri każijiet fejn persuni li jkunu akkużati bl-istess reat imma fi proċeduri separati lanqas ma' jkunu produċibbli kontra xulxin, hlief meta l-proċess tax-xhud ikun ġie

deċiż definittivament. Kif intqal mill-Qrati tagħna, l-ostakolu għall-produzzjoni ta' ko-imputat mhijiex proprjament il-fatt li huwa jkun ħa parti fil-kommissjoni tar-reat, imma l-fatt li huwa jkun għadu passibbli ta' piena, u minħabba f'hekk interessat jew inklinat li jaltera l-verità biex jaħbi jew inaqqas ir-responsabiltà` tiegħu billi jakkollaha fuq l-akkużat.

38. In konformita' ma' dawn il-prinċipji din il-Qorti tista' tqies dak li xehdu fl-*in genere* kull wiehed mill-imputati bħala prova fil-konfront **tiegħu biss** u mhux fil-konfront tal-imputati l-oħra ukoll.

39. Dak li qed jeċċepixxu l-imputati però imur oltre minn hekk peress illi dawn jippretendu illi meta avukat ta' imputat ikun wettaq kontro-eżami ta' **xhud** f'din il-kawża, ir-risposti għandhom jaffettwaw u jkunu ammissibbli bħala prova kontra jew favur dak l-imputat biss u mhux favur jew kontra l-imputati l-oħra ukoll. Il-Qorti ma' taqbilx. Ir-regola taħt l-Art. 636(b) kif interpretata *a contrario sensu* u estiża matul iż-żminijiet tapplika biss għal dak li jixhdu l-ko-imputati u mhux dawk li jistgħu jixhdu xhieda oħra independenti, **anke jekk dawn ikollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xiehda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża (vide Art. 636(c)).** Huwa minnu illi b'riżultat ta' kif il-Prosekuzzjoni bdiet u mexxiet din il-kawża, xi imputati jistgħu jisfaw żvantaġġati minħabba xi domandi li jsiru in eżami jew in kontroeżami minn avukati ta' xi imputati oħra proprju għaliex l-interessi ta' imputat jistgħu jvarjaw mill-interessi ta' imputat ieħor. Però dan ma' jġibx b'daqshekk illi tali xhieda għanda tkun ristretta biss għall-imputat patroċinjat minn dak l-avukat li jkun għamel id-domandi. Wara kollox tibqa dejjem il-prerogattiva tal-Prosekuzzjoni illi tagħżel hi, u hija biss, kif l-aħjar għandha tmexxi l-kawża tagħha.

**D. L-eċċezzjoni dwar il-ħtieġa li l-Prosekuzzjoni tiddikjara liema huma dawk il-provi li għandhom iwieġbu għalihom Manara u Gatt u l-konsegwenti estromessjoni tal-provi kollha li ma' japplikawx lilhom.**

40. Din il-Qorti diversement presjeduta diġà ċaħdet din l-eċċezzjoni fid-digriet tagħha tas-6 ta' Settembru 2019. Għal kull bwon fini però peress illi l-Qorti kienet irreferiet għal din l-eċċezzjoni bħala *"r-raba' talba fin-nota tal-imputati Brian Gatt u Julian Manara"* u peress illi strettament din l-eċċezzjoni tqajjmet mill-imputati kollha għajr għal Paul Bailey u Tonio Darmanin, il-Qorti għal kull bwon fini ser tikkonferma li din l-eċċezzjoni kif sollevata mill-imputati kollha bl-eċċezzjoni ta' Paul Bailey u Tonio Darmanin qegħda tiġi miċħuda għar-raġunijiet diġà elenkati fid-digriet imsemmi.

**E. L-eċċezzjoni dwar il-ħtieġa li l-Qorti tidderieġi lill-Prosekuzzjoni sabiex titlob is-separazzjoni tal-ġudizzju**

41. Din l-eċċezzjoni diġà ġiet miċħuda minn din il-Qorti diversement presjeduta fid-digriet tagħha tas-6 ta' Settembru 2019.

**F. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà tar-relazzjonijiet magħmula fl-inkjesta tal-esperti Martin Bajada, Quentin Tanti, Joe Zammit u tal-espert mettalurgu stante illi dawn huma msejjsa fuq informazzjoni meħuda minn persuni li kellhom kunflitt ta' interess.**

42. Id-difiża qed tallega li r-relazzjonijiet ta' numru ta' esperti maħtura fl-inkjesta, ċioe ta' Martin Bajada, Quentin Tanti, Joe Zammit u Aldo Busuttil għandhom jiġu skartati minħabba li skond l-imputati dawn ġew ikkontaminati peress li ġew msejjsa fuq informazzjoni meħuda minn nies li kellhom kunflitt ta' interess. Id-difiża ma' tgħidx x'inhu l-kunflitt ta' interess allegat minnha iżda l-Qorti qed tassumi illi l-imputati m'għandhomx fiduċja f'dawn in-nies peress illi dawn jirrappreżentaw id-ditta estera Porsche AG.

43. Għal finijiet ta' kjarezza, in-nies in kwistjoni huma kollha inġiniera li jaħdmu mal-kumpanija Porsche AG u cioe:

- Dr. Ing. Steffen Reinert - Director Product Analysis
- Dr. Jeff Gates - Associate General Counsel Worldwide
- Dr. Ing. Nicholas Durisek Ph.D - Dynamics Engineer
- Ing. Jeffrey Claussen - Dynamics Engineer
- Ing. Eugen Oberkamm - Director Motorsports Complete Vehicle
- Ing Thomas Gruenter - Director Electronics

44. Dawn ġew Malta (flimkien mal-assistent legali tagħhom) bejn it-12 ta' Ottubru 2015 u s-16 ta' Ottubru 2015 sabiex jassistu lill-esperti tekniċi maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti. Fi kliem l-espert Martin Bajada: "*dawn kollha taw pariri tekniċi lill-esperti nominati mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex kull esperti kien possibbli jespleta l-inkarigu rispettiv*".

45. L-espert Martin Bajada ġie maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex *inter alia "bħala Espert Tekniku fit-teknoloġija jirtira l-kompjuter installat fil-vettura Porsche, jeżamina u jagħti l-informazzjoni kollha miġbura fil-kompjuter relatata mal-għamla u stat ta' vettura, jagħmel rikostruzzjoni tal-inċident u jirtira kwalunkwe informazzjoni*

***fil-presenza tar-rappreżentanti tal-Porsche li għandhom jiġu għal tal-apposta minn barra minn Malta*** (emfasi miżjuda)". Dan ifisser li kienet il-Maġistrat Inkwirenti stess li ordnat illi dawn ir-rappreżentanti jinġiebu Malta. Filfatt Martin Bajada fir-relazzjoni tiegħu jgħid illi sar kuntatt mar-rappreżentanti tal-Porsche AG ġewwa Malta (Continental Cars Limited) u direttament ma' Porsche AG fil-Ġermanja tramite ditta ta' avukati lokali. Sussegwentement, Porsche AG offriet li tibgħat Malta l-inġiniera fuq imsemmija u dawn sussegwentement ġew Malta sabiex jassistu fil-proċess ta' elevazzjoni tal-informazzjoni mit-tagħmir elettroniku tal-vettura li kien qed isuq l-imputat Bailey u sabiex jagħtu kull tip ta' informazzjoni fuq din il-vettura u fir-rikostruzzjoni tal-inċident. Id-Difiża emfasizzat il-punt illi l-Porsche AG donnha ħadet l-inizjattiva hi sabiex iġġib dawn in-nies tagħha f'pajjiżna – bl-implikazzjoni ċara li offriet li tagħmel hekk sabiex toskura xi riżultanzi li jistgħu jitfgħu dawl ikrah fuq il-kumpanija tagħhom. Il-Qorti però tissottolineja li kienet il-Maġistrat Inkwirenti li ordnat li dawn jinġiebu Malta u mill-provi li rriżultaw xejn ma' jindika illi l-persuni in kwistjoni qatt ħadmu waħedhom mingħajr il-presenza tal-esperti u tal-uffiċjali investigattivi.

46. Ix-xogħol tar-rappreżentanti esteri kien importanti sabiex l-esperti jespletaw l-inkarigu tagħhom. Per eżempju mir-relazzjoni ta' Joe Zammit, l-espert li ġie mqabbad fl-*in genere* sabiex *inter alia* jeżamina l-vettura Porsche nvoluta fl-inċident, jelenka d-difetti mekkaniċi Ii talvolta setgħu jirriżultaw fiha u jisma' x-xhieda bil-ġurament relatata mat-teħid ta' informazzjoni minn fuq il-kompjuter tal-vettura, qal illi "*l-esperti tal-aġenti tal-Porsche Malta wara li żarmaw partijiet fuq ġewwa mill-parti ta' quddiem biex jikxfu l-batterija sabu li l-batterija kienet mingħajr enerġija u għalhekk il-partijiet elettroniċi mitluba mill-espert Martin Bajada ma setgħux jiġu maqlugħa. L-istess esperti tal-aġenti lokali ssuġġerew li dan iż-żarmar kollu neċessarju jitkompla mill-esperti tal-karozzi Porsche tal-fabbrika li jinġabu minn barra minn Malta.* ***B'dan Dr Martin Bajada flimkien mal-esponent informaw lill-Maġistrat Inkwirenti*** (emfasi miżjuda)."

47. Sussegwentement fid-9 ta' Ottubru 2015 il-Maġistrat Inkwirenti ordnat permezz ta' digriet illi l-espert Joe Zammit jieħu responsabiltà' tal-post f' St. Andrews fejn kienet tinsab il-karozza Porsche involuta maqfula fit-tinda numru 5, bil-bieb tagħha maqful b'żewġ katnazzi u ssiġġillati sabiex jekk f'kwalunkwe' neċessita ikun meħtieġ li dawn jinfetħu, l-ftuħ tagħhom isir fil-presenza tal-istess espert flimkien mas-SOCO. Fit-12 ta' Ottubru 2015 waslu Malta r-rappreżentanti tal-Porsche AG u saret laqgħa bejnhom u l-espert Martin Bajada u l-Ispetturi Josric Mifsud, Hubert Cini u Silvio Magro ġewwa uffiċċju ta' ditta ta' avukati lokali ġewwa l-Belt. Hemmhekk l-Inġinier

Ġermaniż Stefen Reinert issuġġerixxa Ii jittieħed fuq il-post fejn kienet tinsab il-vettura f'St Andrews Compound. Dan l-aċċess sar fil-presenza tan-nies surreferiti u anke tal-espert Joe Zammit fejn inqatgħu s-siġilli tal-bibien fil-presenza tiegħu u tal-Pulizija. **<u>Fil-presenza tan-nies imsemmija</u>**, Steffen Reinert beda jeżamina l-vettura. Peress li l-post in kwistjoni ma' kellux it-tagħmir neċessarju sabiex isiru l-ispezzjonijiet meħtieġa, Steffen Reinert issuġġerixxa li l-vettura tiġi trasportata fil-work shop tal-Aġenti tal-Porsche f'Malta sabiex din tiġi merfugħa fuq jack specjali biex tiġi eżaminata minn taħt. L-esperti mqabbda mill-Qorti u l-Uffiċjali Investigattivi qablu ma' dan is-suġġeriment u l-vettura ġiet trasportata ġewwa Muscat Garage fil-Gżira. It-trasport tal-vettura sar permezz ta' *tow truck* privat **<u>skortat mill-Pulizija</u>**, Spettur Josric Mifsud u Spettur Silvio Magro flimkien mal-espert Dr. Martin Bajada u I-Perit Tekniku Joseph Zammit u Quentin Tanti. L-eżamijiet neċessarji li saru mill-esperti Ġermaniżi fuq il-vettura ġewwa Muscat Garage ġew kondotti **<u>fil-presenza tal-esperti u l-Pulizija msemmija</u>**. Dawn ħadu numru ta' ġranet u tlestew fis-16 ta' Ottubru 2015. Wara Ii kienu lesti l-eżamijiet kollha msemmija l-vettura inkwistjoni reġgħet inġarret għall-ġewwa I-garaxx tal-pulizija f' St. Andrew, fejn din ġiet msakkra ġewwa wiehed mill-garaxxijiet u reġgħu ġew issiġillati l-bibien tieghu.

48. Il-Qorti hija għalhekk iżjed milli sodisfatta illi r-rappreżentanti tal-Porsche AG li nġiebu Malta wettqu dmirhom b'mod professjonali u li dawn ġew sorveljati f'kull ħin u kull mument mill-esperti inkarigati u mill-Uffiċjali Investigattivi. Għalhekk f'dan l-istadju kwalunkwe allegazzjonijiet li tqajjmu mid-difiża dwar "kunflitt ta' interess" huma biss fil-verità konġetturi u *innuendos* u ċertament mhumiex raġunijiet validi sabiex ir-relazzjonijiet tal-esperti msemmija jiġu ddikjarati inammissibbli.

**G. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà tar-relazzjoni tal-espert Quentin Tanti stante n-nuqqas ta' kompetenza tiegħu.**

49. Din l-eċċezzjoni tolqot il-kapaċità' jew l-abbiltajiet tal-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti fis-sens illi skond id-difiża dan m'huwiex "espert" fil-qasam tiegħu u ma' setax jaġixxi bħala tali fl-inkjesta Maġisterjali.

50. Il-Prokuratur Legali Quentin Tanti kien ġie maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex *inter alia* "*bħala espert tat-traffiku, jassisti lil Dr. Martin Bajada u jirrelata b'mod partikolari fuq id-dinamika tal-inċident u x'wassal għall-inċident*".

51. Fit-trattazzjoni orali wieħed mill-avukati tad-difiża qajjem il-punt illi l-unika kwalifika akkademika li kellu dan l-espert kien jikkonsisti f'*evening course*. Il-Qorti kkunsidrat ix-xhieda tal-espert tekniku mogħtija *viva-voce* quddiem din il-Qorti

diversement presjeduta fil-21 ta' Novembru 2017 (fol 586). L-unika parti minn din ix-xhieda illi titratta l-kompetenza o meno tal-espert tekniku hija dik segwenti:

*"Dr GdM: Kemm ghandek żmien, nista nsaqsik, you are a male.*

*QT: 42*

*Dr GdM: mela allura jekk ghandek tletin sena esperjenza kellek 12-il sena meta bdejt?*

*QT: Iva*

*Dr GdM: xi studjajt fil-mekkanika, fid-dinamika u meta bdejt tistudja. X' certifikat ghandek u minn fejn?*

*QT: Certificate in motor mechanics mill-Mcast li ghamiltu eight or ten years ago."*

52. F'parti oħra mill-istess xhieda l-espert ġie mistoqsi jikkonferma jekk kienx hemm xi ħadd mir-rappreżentanti tal-Porsche AG (li nġiebu Malta sabiex jassistu lill-esperti tekniċi) li kellu dottorat fil-filosofija ossia' PhD.

53. Il-Qorti tinsab xi ftit perplessa kif donnu d-Difiża qegħda tħallat il-kompetenza (bl-Ingliz *expertise)* tal-espert, ossia' *"the expert skill or knowledge in a particular field"* mal-kwalifikazzjonijiet akkademiċi li jista' jkollu. Bħallikieku l-esperjenza li wieħed jikseb fil-kamp tiegħu ma' tiswa għal xejn ! Bħallikieku huma l-lawriji u d-dottorati biss illi jagħtu l-bniedem l-għarfien u l-ħila neċessarja biex ikun espert fil-qasam tiegħu !

54. Il-Qorti tagħraf illi matul is-snin l-espert tekniku imsemmi ġie imqabbad diversi drabi mill-Qrati tagħna bħala espert fil-materja in kwistjoni u ma' jidhirx li qatt tqajjem il-punt tal-inkompetenza tiegħu minħabba li ma' kellux lawrija jew dottorat f'dan il-qasam! Għalhekk il-Qorti sejra tiċħad din l-eċċezzjoni għaliex m'hijiex fondata.

**H. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà tar-relazzjonijiet magħmula minn dawk l-esperti illi b'xi mod użaw laboratorju jew mezzi tal-ittestjar peress li dawn ma' kienux in konformita' mal-*istandard* ISO/IEC 17025**

55. Din l-eċċezzjoni ġiet irtirata mill-avukat li ressaqha fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2020.

**Deċiżjoni fuq l-eċċezzjonijiet imsemmija**

56. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda:

**Tirrevoka contrario imperio id-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Settembru 2019 (għajr għal fejn il-Qorti kienet iddeċidiet li ma' tieħux konjizzjoni tat-talba dwar is-separazzjoni tal-ġudizzju u għal fejn ċaħdet l-eċċezzjoni dwar il-ħtieġa li l-Prosekuzzjoni tiddikjara liema huma dawk il-provi li għandhom iwieġbu għalihom l-imputati Manara u Gatt) u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet imressqa mill-imputati bil-mod segwenti:**

A. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà' tax-xhieda mogħtija mill-imputati fl-inkjesta maġisterjali quddiem il-Maġistrat Inkwirenti stante illi dawn kienu privi mill-assistenza ta' avukat.

**Din l-eċċezzjoni qed tiġi milqugħa biss fir-rigward tal-imputat Paul Bailey filwaqt li qed tiġi miċħuda fir-rigward tal-imputati l-oħra. Il-Qorti qegħda għalhekk tordna l-isfilz tax-xhieda ta' Paul Bailey mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti mill-atti ta' din il-kawża.**

A1. l-eċċezzjoni illi d-dokumenti li esebew l-imputati matul ix-xhieda tagħhom fl-*in genere* għandhom ukoll jiġu ddikjarati inammissibbli għall-istess raġuni fuq imsemmija.

**Din l-eċċezzjoni qed tiġi milqugħa biss fir-rigward tal-imputat Paul Bailey filwaqt li qed tiġi miċħuda fir-rigward tal-imputati l-oħra. Il-Qorti qegħda tordna l-isfilz tad-dokumenti kollha annessi max-xhieda ta' Paul Bailey mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti mill-atti ta' din il-kawża.**

A2. l-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà' tar-relazzjoni tal-espert li ħatret il-Maġistrat Inkwirenti, Quentin Tanti, fil-konfront ta' Paul Bailey, kif ukoll tax-xhieda tiegħu mogħtija fil-kawża, in kwantu l-istess relazzjoni u xhieda huma msejsa fuq dikjarazzjonijiet meħuda mix-xhieda inammissibbli ta' Paul Bailey.

**Din l-eċċezzjoni qed tiġi milqugħa biss *in parte* fis-sens illi b'riferenza għar-relazzjoni tal-espert tekniku Quentin Tanti:**

- **Il-paragrafu 5.2.3 għandu jiġi ngassat fl-intier tiegħu**
- **Il-paragrafu 5.2.4 għandu jiġi ngassat fl-intier tiegħu**

- **Il-paragrafu 5.3.2 għandu jiġi emendat sabiex jaqra kif ġej: "*Skond ix-xhieda ta' Thomas Bangma ta' l-4 ta' Ottubru 2015, huwa kien riekeb ma Paul Bailey waqt l-imsemmija l-aħħar run, fejn Bangma jgħid Ii 'qabel ma laħaq it-tieni chicane, fi triqtu lura, il-vettura tilħaq veloċità massima ta' 180 km/h*."**
- **Fil-paragrafu 5.3.4 il-kliem "*dirt kif iddeskrivih Paul Bailey*" għandhom jiġu ngassati**
- **Fil-paragrafu 5.3.6 il-kliem "*hekk kif ammetta huwa ukoll, u żied jgħid li għafsu b'saħħtu kollha*" għandhom jiġu ngassati**
- **Fil-paragrafu 6.1 il-kliem "*kompatibbli mal-verzjoni ta' Bailey stess, mghotija fix-xhieda tieghu fejn jghid Ii, bhax-chicane l-ohra , din kien slow in fast out u dan nonostante li kien konsapevoli u konxju llli, kif qal kliemu stess 'The chicane was verv near to the people who were watching.'*" għandhom jiġu ngassati.**

A3. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà' tar-rapporti peritali kollha li ġew ippreżentati fl-inkjesta in kwantu dawn huma msejjsa fuq l-istqarrijiet jew dokumenti inammissibbli esebiti mill-imputati.

**Din l-eċċezzjoni qed tiġi milqugħa biss *in parte* fis-sens illi r-rapport tal-espert tekniku Quentin Tanti għandu jiġi modifikat bil-mod deċiż fil-paragrafu preċedenti filwaqt li r-rapport tal-espert tekniku John Gera għandu jiġi emendat billi:**

- **tiġi ingassata l-parti li tibda bil-kliem "*Mix xhieda tas-sewwieq Paul Bailey...*" sa "*Jgħid li kien hemm sejħa mondjali għal dan it-tip ta' mudell (918) ta' Porsche.*" (Paġni 19-22 tar-rapport) kif ukoll il-parti segwenti *"Paul Bailey fix-xhieda tieghu jghid Ii hu qatt ma kellu x'jaqsam mad-tfassil tas-circuit, din fil-fehma ta' l-esponent tkompli tikkonferma prova cara ohra Ii Paul Bailey ma kellu l-ebda hsieb Ii isuq il-Porsche Spyder 918 tieghu fuq din il-korsa"* (Paġna 27) u l-parti li tibda bil-kliem: "*Dan il-fatt huwa kkorroborat ukoll mix-xhieda ta' Paul Bailey ...*" sa' "*Ii jekk il-vettura tieħdok f'kantuniera ma kellek qatt tagħfas il-break*" (Paġna 29).**
- **tiġi sfilzata ukoll ix-xhieda ta' Paul Bailey li ġiet annessa mal-istess relazzjoni.**

B. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà' tax-xhieda mogħtija minn Paul Bailey quddiem il-Maġistrat Inkwirenti minħabba l-istat ta' saħħa tiegħu f'dak l-istadju.

**Din l-eċċezzjoni qed tiġi milqugħa. Il-Qorti diġà ordnat l-isfilz tax-xhieda ta' Paul Bailey mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti mill-atti ta' din il-kawża.**

C. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà tax-xhieda mogħtija in kontro-eżami wara domandi magħmula minn avukat ta' imputat u dan fir-rigward tal-imputati l-oħra.

**Din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.**

D. L-eċċezzjoni dwar il-ħtieġa li l-Prosekuzzjoni tiddikjara liema huma dawk il-provi li għandhom iwieġbu għalihom Manara u Gatt u l-konsegwenti estromessjoni tal-provi kollha li ma' japplikawx lilhom.

**Iċ-ċaħda ta' din l-eċċezzjoni fid-digriet ta' din il-Qorti diversement presjeduta tas-6 ta' Settembru 2019 qegħda għal kull bwon fini tiġi kkonfermata fir-rigward tal-imputati kollha li ressquha.**

E. L-eċċezzjoni dwar il-ħtieġa li l-Qorti tidderieġi lill-Prosekuzzjoni sabiex titlob is-separazzjoni tal-ġudizzju.

**Din l-eċċezzjoni diġà ġiet miċħuda minn din il-Qorti diversement presjeduta fid-digriet tagħha tas-6 ta' Settembru 2019.**

F. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà tar-relazzjonijiet magħmula fl-inkjesta tal-esperti Martin Bajada, Quentin Tanti, Joe Zammit u tal-espert mettalurgu stante illi dawn huma msejjsa fuq informazzjoni meħuda minn persuni li kellhom kunflitt ta' interess.

**Din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.**

G. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà tar-relazzjoni tal-espert Quentin Tanti stante n-nuqqas ta' kompetenza tiegħu.

**Din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.**

H. L-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà tar-relazzjonijiet magħmula minn dawk l-esperti illi b'xi mod użaw laboratorju jew mezzi tal-ittestjar peress li dawn ma' kienux in konformita' mal-*istandard* ISO/IEC 17025.

**Din l-eċċezzjoni ġiet irtirata mill-imputat li ssollevaha u għaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.**

V.G. Axiak — M. Azzopardi

Maġistrat — Dep. Reġistratur